# IL-QUDDIESA MFISSRA





Katekesi
dwar
is-Sagrifiċċju
Ewkaristiku
minn
Mons. Nikol Ġ. Cauchi
Isqof ta' Għawdex

# IL-QUDDIESA
## MFISSRA



Sensiela: **"Għejun ta' Katekesi", Nru. 4**

# IL-QUDDIESA MFISSRA

***Katekesi tal-***
***Kobor u s-Sbuħija***
***tas-Sagrifiċċju Ewkaristiku***

***Tifsir u Riflessjonijiet***
***minn***
***Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.***

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

Sensiela: **"Għejun ta' Katekesi", Nru. 4**

# IL-QUDDIESA MFISSRA

Minn **Mons. Nikol G. Cauchi,**
**Isqof ta' Għawdex**

L-Ewwel Edizzjoni : 1985
It-Tieni Edizzjoni (riveduta) : 2000

© **Lumen Christi Publications**

Djoċesi ta' Għawdex, Marzu 2000

*Kotba oħra f'din is-sensiela:*

Nru. 1: **"Il-Pjan tal-Fidwa fil-Bibbja"**
- Patri Gwido Schembri, ofm (Sett. 1999)

Nru. 2: **"Il-Ġrajjiet Ewlenin tal-Knisja"**
- Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi (Sett. 1999)

Nru. 3: **"Il-Ġublew – x'inhu u għaliex"**
- Mons. Salv Borg (Diċ. 1999)

*Preżentazzjoni Grafika:* Dun Anton Sultana

*Qoxra tal-ktieb:* Disinn grafiku-artistiku
kompjuterizzat mis-Seminarista Joseph Grech

*Ritratti fil-ktieb:* Minn dokumenti storiċi,
u minn "The Mass in Pictures" (© C.SS.R.)

*Stamperija* : **"Gozo Press",** Għajnsielem
Tel. 551534 - Fax 560857

*Aktar kopji ta' dan il-ktieb jinkisbu mil-*
**LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE**
Triq Fortunato Mizzi, Victoria, VCT 111, Għawdex.
Tel. 560496 - Fax 561860.

## *Kelmtejn Qabel*

*Il-Quddiesa dejjem issemmiet b'tifħir mill-Qaddisin u mill-kittieba Kattoliċi. Fuq kollox hija ġiet imsejħa* ***"Is-Sagrifiċċju ta' Kristu u tal-Knisja".*** *Kif jgħallem Sant'Wistin, Kristu "ried li s-sagrament ta' kuljum ta' din ir-realtà jkun is-sagrifiċċju tal-Knisja, peress li din hija l-ġisem li għandu lil Kristu bħala Ras tiegħu; hija taf li permezz tiegħu qegħda toffri lilha nfisha"* ***(De Civ. Dei,*** *10.10,20; P.L. 41.298).*

*Dawk li jieħdu sehem fil-Quddiesa mela, għandhom jingħaqdu spiritwalment ma' Kristu Saċerdot u vittma u joffru lilhom infushom u l-ħajja tagħhom bħala offerta li togħġob lil Alla.*

*Jekk l-insara jieħdu sehem fil-Quddiesa b'dan il-mod, huma jsibu fiha "l-għajn tal-ħajja u l-qdusija, is-sinjal effikaċi tal-grazzja u tar-rikonċiljazzjoni ma' Alla, u r-rahan tal-ħajja ta' dejjem" (ĠWANNI PAWLU II, Enċiklika* ***Redemptor Hominis,*** *n. 7).*

*Mhux biżżejjed li huma jkunu preżenti waqt il-Quddiesa, iżda jeħtieġ li jkunu jafu xi ħaġa dwar il-kobor ta' dan is-Sagrifiċċju tal-Liġi l-Ġdida u jippruvaw jifhmu t-talb liturġiku li jingħad fih u r-riti li bihom jitwettaq. Hekk biss jistgħu l-insara jaslu biex fil-Quddiesa "jifhmu x'inhuma jagħmlu, iġibu ruħhom bil-qima u jieħdu sehem sħiħ fiha" (KONĊILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni* ***Sacrosanctum Concilium,*** *n. 48)*

*L-iskop ta' dan il-ktieb li issa qiegħed jiġi stampat għat-tieni darba huwa proprju dan: li jgħin lill-insara, kemm tfal kif ukoll adulti, biex mill-Quddiesa jiksbu l-aqwa profitt spiritwali.*

***† Nikol Ġ. Cauchi***
***Isqof ta' Għawdex.***

*28 ta' Jannar 2000*
*Festa ta' S. Tumas ta' Aquino*



# L-EWWEL TAQSIMA

## ĦWEJJEĠ MEĦTIEĠA GĦAS-SAGRIFIĊĊJU

L-insara, li bil-magħmudija saru ulied Alla u membri tal-familja tiegħu, jinġabru madwar l-artal għaċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika.

*Dan hu l-post li fuqu jsir preżenti s-sagrifiċċju tas-Salib, taħt is-sinjali sagramentali; huwa wkoll il-mejda tal-Mulej, li għaliha huwa msejjaħ il-poplu t'Alla biex jieħu sehem minnha fil-Quddiesa; l-artal huwa ċ-ċentru ta' radd il-ħajr li jsir permezz ta' l-Ewkaristija.* (O.G.M.R. - 259)

Peress li l-artal huwa simbolu ta' Kristu, is-saċerdot ibusu b'sinjal ta' qima fil-bidu u fi tmiem il-Quddiesa u f'ċerti okkażjonijiet jinċensah. Anzi nistgħu ngħidu li Kristu nnifsu huwa l-artal tas-Sagrifiċċju tar-Rabta l-Ġdida, għaliex il-Qalb Divina tiegħu hija l-post fejn lil Alla tingħatalu l-aqwa qima u tpattija xierqa għad-dnubiet tal-bnedmin.

### 1. L-Artal

L-artal huwa s-**sinjal ta' l-offerta totali** tal-ħajja tiegħu nnifsu li Kristu għamel lill-Missier tiegħu tas-Sema, u għalhekk fuq l-artal jitqiegħdu l-ħobż u l-inbid li jtellgħu l-insara u li mbagħad fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej.

L-artal huwa wkoll **sinjal tal-għaqda u x-xirka fi Kristu,** il-ħobż Ewkaristiku li minn fuqu Huwa mogħti b'ikel lill-insara kollha, u b'hekk jingħaqdu ma' Kristu u jsiru ħaġa waħda bejniethom permezz tal-karità.

L-għożża kbira li għandha l-Knisja Kattolika għall-artal tidher ċar minn dak li jgħid l-Isqof fit-talba tad-dedikazzjoni

tiegħu. Wara li jsemmi s-sagrifiċċji tar-Rabta l-Qadima li offrew lil Alla, Noè, Abraham u Mosè fuq l-artali tal-ġebel li huma waqqfu, kif ukoll l-offerta safja tal-Patt il-Ġdid li Kristu, saċerdot u vittma, temm fuq il-għuda tas-salib, itemm it-talba b'dawn il-kelmiet: *"Ikun dan l-artal, iċ-ċentru tat-tifħir u r-radd il-ħajr tagħna, sa ma naslu flimkien fis-saltna ta' dejjem, fejn noffrulek sagrifiċċju ta' tifħir li ma jintemm qatt, ma' Kristu, il-Qassis il-Kbir, u l-artal ħaj tagħna li hu Alla, u li miegħek igħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem".*

L-artal huwa wkoll **it-tron li fuqu joqgħod is-Sultan tal-Glorja** meta jkun magħna fl-Ewkaristija. Jixraq, mela, li niftakru fit-tron tal-majestà ta' Alla, li jissemma fl-Apokalissi, imdawwar minn erbgħa u għoxrin xiħ, lebsin l-abjad, b'kuruni tad-deheb fuq rashom. (Apok.4,4) Xħin inkunu qrib l-artal, fil-ħin tal-Quddiesa, jixraq li nilqgħu l-istedina li nsibu fl-Ittra lil-Lhud (4,16) *"Ħa nersqu mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu."*

## 2. It-Tiżjin ta' l-Artal

Fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika hemm bżonn li jkun hemm fuq l-artal jew ħdejh, il-gandlieri bix-xemgħat mixgħula għall-ġieħ ta' l-artal u għall-ferħ taċ-ċelebrazzjoni. Dawn ix-xemgħat jitqiegħdu fuq l-artal jew madwaru, skond il-għamla ta' l-artal u tal-presbiterju; hekk li tinżamm armonija f'kollox u l-fidili ma jkollhom ebda xkiel biex jaraw tajjeb dak li jkun qed isir jew jitqiegħed fuq l-artal. (O.G.M.R. 269)

Ix-xemgħa li tinħela bil-mod il-mod u tagħti d-dawl u s-sħana, hija simbolu tar-ruħ imżejna bid-dawl tal-qdusija u mkebbsa bin-nar ta' l-imħabba, li dejjem lesta li taċċetta minn idejn Alla kull sagrifiċċju u li toffrilu ħajjitha kollha bħala vittma għall-ġieħ Tiegħu.

Barra minn hekk, fuq l-artal jew fil-qrib tiegħu, ikun hemm *salib* li jidher sewwa mill-ġemgħa. (O.G.M.R. 270)

L-artal jirrappreżenta l-Kalvarju u bħala Kalvarju jew għolja tas-sagrifiċċju, ma jistax ikun mingħajr is-salib, illi quddiemu s-saċerdot li jkun iqaddes, f'xi mumenti, jbaxxi rasu u jagħmel sinjali oħra ta' qima. Mhux biss is-saċerdot, iżda wkoll dawk li jkunu jieħdu sehem fil-Quddiesa, għandhom iħarsu spiss lejn il-Kurċifiss biex minnu jitgħallmu l-veru għerf.

Għall-ġieħ lejn iċ-ċelebrazzjoni tat-tifkira tal-Mulej u lejn il-mejda li fiha jittiekel il-Ġisem u jinxtorob id-Demm tal-Mulej, fuq l-artal titqiegħed għallinqas *tvalja* waħda li, għal dik li hija tifsila, daqs u tiżjin, tkun taqbel ma' l-għamla ta' l-istess artal. (O.G.M.R. 268)

Minn dejjem l-artal kien ikun mgħotti bi tvalja li kienet titqiegħed fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni ewkaristika u titneħħa fit-tmiem tagħha. Mis-seklu tmienja 'l quddiem, bdew jintużaw aktar minn tvalja waħda, xi drabi anke erbgħa. It-tvalja tal-wiċċ kienet tkun imżejna, iżda l-użu tal-bordura tal-bizzilla fit-tvalji ta' l-artal daħal fis-seklu sittax. Wara l-Konċilju Vatikan it-Tieni, barra l-korporal, biżżejjed ikun hemm tvalja waħda fuq l-artal, skond id-daqs tal-wiċċ tiegħu u lanqas ma hu meħtieġ li tkun tal-għażel, kif kien qabel.

It-tvalji jitqiegħdu fuq l-artal tant biex is-sagrifiċċju jitwettaq f'lok nadif, kemm ukoll sabiex jekk qatt jixxerred l-inbid ikkonsagrat, jinxtorob mit-tvalji u ma jaqax fl-art. Il-bjuda tat-tvalji għandha tfakkar lill-insara mdawrin ma' l-artal, fis-safa tar-ruħ li hija meħtieġa sabiex jieħdu sehem kif imiss fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa.

## 3. Il-Vażi Sagri

Fost il-ħwejjeġ meħtieġa għaċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, jistħoqqilhom ġieħ speċjali l-vażi sagri, fosthom il-kalċi u l-patena li fihom jew fuqhom isiru l-offerti u l-konsagrazzjoni tal-ħobż u ta' l-inbid, u li minnhom isir it-Tqarbin. (O.G.M.R. - 289)

**Il-Kalċi** huwa għamla ta' tazza tal-metall bis-sieq u fih jitqiegħed l-inbid għall-konsagrazzjoni waqt il-quddiesa.

**Il-Patena** hija bħal plattina, tonda fil-għamla, li fuqha titqiegħed l-ostja kbira għall-konsagrazzjoni.

**Il-Pissidi** jintuża sabiex fih jiġu mqegħdin l-ostji żgħar ikkonsagrati, imsejħa partikoli, għat-tqarbin ta' l-insara.

## 4. Il-Korporal u l-Palla

Fuq it-tvalja f'nofs l-artal, waqt il-Quddiesa, jiġi mifrux bħal maktur abjad illamtat li jissejjaħ "*korporal*" sabiex fuqu titqiegħed il-patena bl-ostja u tiġi kkonsagrata, kif ukoll il-kalċi u jekk ikun hemm ħtieġa, il-pissidi bil-partikoli għat-tqarbin tal-fidili. Xi drabi l-kalċi jiġi mgħotti bil-palla li tkun forma kwadra u ftit ikbar minn xifer il-kalċi. Dawn hemm bżonn li jkunu ndaf u mingħajr tebgħa u jinżammu b'ċerta qima.

Peress li fuqu kien jitqiegħed il-Ġisem tal-Mulej, fiż-żminijiet tan-nofs, il-korporal kien meqjum iktar mir-relikwiji tal-Qaddisin. Il-korporal, wara l-Quddiesa kien jiġi mitwi mid-djaknu u mqiegħed fuq il-kalċi, għax kien ipprojbit li jitħalla fuq l-artal.

## 5. L-Ilbies tal-Quddiesa

Fil-Liġi l-Qadima, Alla kien ordna lil Mosè kif għandu jkun l-ilbies ta' dawk li jservu fit-tinda tal-Mulej u kif għandhom ikunu lebsin is-saċerdoti li joffru s-sagrifiċċju: "*Bil-vjola u bl-aħmar dagħmieni u bl-iskarlatt għamlu lbies ix-xogħol biex jaqdu fil-maqdes u għamlu l-ilbies l-imqaddes lil Arun, kif amar il-Mulej lil Mosè.* (Eżodu 39, 1 eċċ.)

Fil-Liturġija tal-Knisja Kattolika wkoll hemm liġijiet dwar l-ilbies tal-ministri li jwettqu diversi servizzi liturġiċi għax "it-tqassim ta' dawn is-servizzi liturġiċi jidher minn barra wkoll

## L-Ilbies tal-Quddiesa



Amittu



Ċinglu



Alba



Stola



Pjaneta

permezz ta' l-ilbies imqaddes, maħsub għal kull servizz u li għalhekk għandu jkun is-sinjal ta' l-uffiċċju proprju ta' kull ministru. Iżda jeħtieġ ukoll li dan l-istess ilbies ikompli jsebbaħ l-azzjoni qaddisa." (O.G.M.R.- n. 297)

L-ilbies tas-saċerdot waqt il-Quddiesa huwa l-amittu, l-alba, iċ-ċinglu, l-istola u l-pjaneta u kull wieħed minn dawn l-abiti saċerdotali huwa simbolu jew sinjal li għandu marbuta miegħu tifsira kbira.

**L-amittu** huwa bħal maktur tal-għażel, li wara li jitqiegħed fuq ir-ras, jintlibes fuq il-għonq u l-ispallejn tas-saċerdot. It-tifsira simbolika tiegħu hija l-qawwa tal-fidi li biha għandu jkun imseddaq is-saċerdot ta' Kristu.

**L-alba** jew kamżu hija bħal libsa bajda li tgħatti l-persuna tas-saċerdot minn għonqu sa tarf riġlejh. Hija ġejja mit-tunika jew libsa wiesgħa li kienet tintuża fi żmien l-imperaturi rumani. Il-kulur abjad tagħha juri li hija tfisser is-safa tal-qalb.

**Iċ-ċinglu** huwa bħal kurdun abjad jew ta' xi lewn ieħor li bih is-saċerdot jorbot l-alba minn qaddu. Iċ-ċinglu huwa l-għelm ta' ħajja kasta.

**L-istola** ta' l-istess lewn tal-pjaneta, tintlibes kemm mid-djakni, kif ukoll mis-saċerdoti u mill-Isqfijiet, iżda b'mod differenti. Fil-quddiesa, "is-saċerdot jilbes l-istola madwar għonqu u mdendla fuq sidru". (O.G.M.R. - 302) Hija simbolu ta' l-immortalità, jiġifieri tal-ħajja li tibqa' għal dejjem.

**Il-pjaneta** hija l-ilbies proprju tas-saċerdot u tintlibes fuq l-alba u fuq l-istola. Ġejja mill-mantell li r-Rumani antiki kienu jilbsu fuq ħwejjiġhom. Ħafna drabi l-pjaneta jkollha fuqha xi sinjal jew forma ta' salib. Hija simbolu tal-virtujiet tal-karità u tar-rabta mar-rieda t'Alla, li biha nġorru s-salib kif ġarru Kristu.

## 6. L-Ilwien Liturġiċi

Fl-użu tal-paramenti sagri, il-Liturġija tal-Knisja Kattolika tinqeda b'diversi lwien, skond il-festa li tkun qegħda tiġi ċċelebrata u skond iċ-ċirkustanzi u ż-żmien li fihom issir l-azzjoni liturġika.

Anke qabel ma ġie Kristu fid-dinja, l-abjad, l-aħmar, l-ikħal u l-vjola kienu l-erba' kuluri liturġiċi wżati għall-purtieri tas-santwarju u għall-ilbies tas-saċerdoti tat-tempju.

Fil-Kotba tal-Bibbja, l-*abjad* huwa sinjal ta' ferħ (Ekkleż 9, 8) tas-safa u l-qdusija (Iżaija 1, 18) jew ta' setgħa u majestà soprannaturali (Matt. 17,2; Mark 16,5; Apok. 3,5; 19,14). L-*aħmar* jindika d-demm li kien meqjus bħala simbolu tal-ħajja, id-dnub (Iżaija 1,18), il-gwerra u l-ħerba (Apok 6,4). Il-*vjola* u l-porpra kien emblema tas-slaten u tas-setgħa tad-dinja kif ukoll tal-ġid materjali; (Imħallfin 5,26; Est 8,15; Luqa 16,19). L-*ikħal* li huwa l-kulur tas-sema, kien jidher ħafna fil-libsa tas-Saċerdot il-Kbir, li kien meqjus bħala rappreżentant ta' Alla fuq l-art. L-*iswed* kien sinjal ta' vistu, u ta' xi telfa jew diżastru. (Lam. 4,8; Żakk. 6,2,6; Apok. 6,5).

Fl-ewwel sekli tal-Knisja, il-ħwejjeġ sagri kienu kollha ta' lewn abjad, iżda sa mis-seklu tmienja (VIII) bdew jintużaw paramenti ta' kuluri differenti. Il-Papa Innoċenz III (+1216) u t-teologu Durnado (+1296) isemmu erba' kuluri prinċipali tal-ħwejjeġ sagri (aħmar, abjad, iswed u aħdar) u tliet kuluri sekondarji (roża, vjola u u aħdar). Iżda ma jidhirx li kien hemm regola fissa, qabel is-sena 1539, f'liema festi jintużaw paramenti b'ilwien differenti.

L-ilwien li jintużaw fil-liturġija ta' żminijietna huma l-abjad, l-aħmar, l-aħdar, il-vjola u f'xi postijiet anke l-iswed. "L-ilwien użati fl-ilbies liturġiku qegħdin bħala għajnuna oħra esterna biex il-fidili jifhmu aħjar il-kwalità proprja tal-misteri tal-fidi ċċelebrati u s-sens tal-mixja nisranija matul is-sena liturġika." (O.G.M.R. - 307).

Il-lewn *abjad*, li huwa simbolu tas-safa u tad-dawl tal-qdusija, jintuża fil-festi tal-Milied u tal-Għid, u f'dawk tal-Madonna, ta' l-Anġli u tal-Qaddisin li ma kienux martri.

L-*aħmar*, simbolu ta' l-imħabba u taċ-ċarċir tad-demm, jintuża fil-Ġimgħa l-Kbira, f'Għid il-Ħamsin u fil-festi tal-Qaddisin martri.

L-*aħdar*, kulur tar-rebbiegħa, ifisser it-tama fil-wegħdiet t'Alla u fil-ħajja ta' dejjem u jiġi wżat fil-Ħdud u fil-ferji ta' matul is-sena barra mill-Avvent, Randan u ġranet ta' wara l-Għid.

Il-*vjola*, huwa sinjal ta' penitenza u ta' niket. Jintuża fiż-żmien ta' l-Avvent u tar-Randan kif ukoll fiċ-ċelebrazzjonijiet penitenzjali. Fil-Quddies tal-Mejtin, fejn ma jintużax l-*iswed*, jintlibsu paramenti ta' lewn vjola.



# IT-TIENI TAQSIMA

## IR-RITI TAL-BIDU

Dawn ir-riti jinkludu t-tislima tas-saċerdot, l-att penitenzjali, il-"*Kyrie eleison*" (Mulej Ħniena), il-Glorja - f'dawk il-ġranet li fihom tingħad - u l-Kolletta. L-assemblea bil-wieqfa twieġeb għat-tislima tas-saċerdot, tieħu sehem fl-att penitenzjali u fil-kant jew ir-reċita tal-*Kyrie* u tal-Glorja, u twieġeb *"Amen"* fi tmiem il-kolletta. Imbagħad toqgħod bil-qegħda għall-ewwel qari.

Il-ħsieb ta' dawn ir-riti hu li l-insara miġmugħin flimkien, jingħaqdu bejniethom fit-talb u jħejju ruħhom tajjeb biex jisimgħu l-kelma ta' Alla u biex jiċċelebraw kif jixraq l-Ewkaristija. (O.G.M.R. - 24 ) Din it-taqsima tal-quddiesa hija maħsuba biex tkun bħala bidu, dħul jew tħejjija kemm tal-Liturġija tal-Kelma kif ukoll tal-Liturġija Ewkaristika.

Dawn ir-riti tal-bidu għandhom igħinuna biex nifhmu li mhux biss il-qassis u l-ġemgħa li jkollu madwaru li qegħdin joffru l-att ta' qima lil Alla, iżda hija l-Knisja kollha. Flimkien ma' Kristu, ir-Ras tagħha, il-Knisja fuq l-art tingħaqad mal-Knisja tal-Ġenna biex tfaħħar, trodd ħajr u ssebbaħ lil Alla l-Missier. *"Is-Smewwiet ixandru l-glorja ta' Alla, għemil idejh tħabbar il-firxa tas-sema."* (Salm 19 (18)). L-insara fil-quddiesa jinterpretaw dan l-innu ta' tifħir li l-univers jinseġ lill-Ħallieq tiegħu u f'isem il-ħlejjaq kollha jaduraw il-Mulej.

Is-sehem ta' l-insara fiċ-ċelebrazzjoni liturġika u l-fatt li joqogħdu bil-wieqfa, juru li l-Quddiesa sa mill-bidu tagħha hija:

- l-assemblea jew ġemgħa ta' bnedmin ikkonsagrati bil-Magħmudija, (*Ecclesia*) li jinġabru flimkien biex jagħtu l-qima tagħhom 'l Alla u joffrulu s-sagrifiċċju perfett.

- skola tad-dixxipli ta' Kristu

- laqgħa tal-familja ta' Alla li tinġabar madwar il-mejda mħejjija mill-Missier

- waqfa żgħira fil-mixja twila li mill-art twassal lejn is-Sema.

## 7. Il-Purċissjoni tal-Bidu

Fil-Liturġija ta' wara l-Konċilju Vatikan II, il-Quddiesa tibda bi proċessjoni, li fiha s-saċerdot flimkien mal-ministri jimxi mis-sagristija sa ħdejn l-artal, mixja li tkun imsieħba mill-kant tal-bidu, imsejjaħ "Introjtu", jew "Dħul".



"Meta jinġgħema l-poplu, waqt li jkun dieħel is-saċerdot mal-ministri, jibda l-kant ta' l-introjtu. Il-ħsieb ta' dan il-kant hu li jiftaħ iċ-ċelebrazzjoni, igħin il-għaqda tal-ġemgħa, jerfagħlhom ħsibijiethom fil-misteru taż-żmien liturġiku jew tal-festa li tkun u jsieħeb il-proċessjoni tas-saċerdot u tal-ministri". (O.G.M.R. - 25)

Klf josserva l-Kardinal Lercaro, fil-ktieb **"A Messa, Figlioli"**, paġna 128: "Il-Quddiesa mhix assemblea statika: hemm tliet proċessjonijiet li jimmarkaw tliet mumenti tal-Quddiesa: il-proċessjoni ta' **l-introjtu** tas-saċerdot u l-ministri, li mis-sagristija jimxu lejn l-artal; il-proċessjoni ta' **l-offertorju** ta' l-insara u tar-rappreżentanti tagħhom li jressqu sa l-artal l-offerti u r-rigali tal-ġemgħa, u l-proċessjoni tat-**Tqarbin** li fiha wlied Alla jersqu lejn il-mejda biex jieħdu l-ikel li Huwa ħejjielhom. Dawn it-tliet proċessjonijiet jagħtu lill-ġemgħa tal-Poplu t'Alla, sens ta' moviment jew mixja lejn għan superjuri li huwa l-qofol tan-natura tal-Knisja u tal-ħajja nisranija. Huwa s-sens eskatoloġiku." Fi kliem ieħor dawn it-tliet proċessjonijiet ifissru li l-Poplu ta' Alla huwa f'mixja minn din l-art lejn id-dar tal-Missier li hemm fis-Sema, għaddej minn din il-ħajja għall-ħajja l-oħra li tibqa' għal dejjem.

Fil-Liturġija tar-Rabta l-Qadima, il-pellegrinaġġ għat-tempju ta' Ġerusalem kellu importanza partikulari. Diversi salmi nkitbu sabiex jitkantaw matul dan il-pellegrinaġġ. Għalhekk is-salmi 120-134 jissejħu Salmi gradwali jew għanjiet tat-telgħat.

Fil-Liturġija tal-Knisja, din il-proċessjoni għandha tfakkarna fi kliem l-Appostlu Missierna, li dment li ngħixu fl-art, qegħdin fi vjaġġ lejn Alla. "Sakemm indumu mlibbsa b'dan il-ġisem, nibqgħu 'il bogħod mill-Mulej: aħna ngħixu bil-fidi u mhux bil-viżjoni..... Aħna qalbna qawwija u persważi li aħjar noħorġu minn dan il-ġisem u mmorru noqogħdu għand il-Mulej." (2 Kor 5, 6-8)

Huwa u dieħel is-saċerdot biex jibda l-Quddiesa, kulħadd għandu jqum bil-wieqfa b'sinjal ta' rispett lejn il-ministru t'Alla li f'isem Kristu jkun ser jagħti bidu għall-azzjoni liturġika.

## 8. Tislima lill-Artal

"Is-Saċerdot u l-ministri, meta jaslu fuq il-presbiterju, isellmu lill-artal. Bħala sinjal ta' qima s-saċerdot u l-ministri sagri jbusu l-artal u s-saċerdot, skond iċ-ċirkustanzi jinċensah". (O.G.M.R. - 27)

L-artal huwa l-għolja mqaddsa, il-mejda li fuqha titħejja l-ikla mistika ta' wlied Alla, il-maqdes għall-uniku sagrifiċċju li jogħġob tabilħaqq lill-Ħallieq tad-dinja. It-tempju huwa mibni biex jagħti kenn lill-artal u l-artal ġie mwaqqaf biex fuqu ssir l-Ewkaristija.



Ladarba l-artal huwa ċ-ċentru ta' l-azzjoni liturġika, hija ħaġa naturali li l-ewwel att li jagħmel is-saċerdot fil-Quddiesa huwa dak li jsellimlu u jbusu b'sinjal ta' qima u f'ċerti okkażjonijiet solenni jinċensah ukoll.

L-artal jirrappreżenta lil Kristu li huwa l-ġebla tas-sies li fuqu hija mibnija l-Knisja.

L-artal jirrappreżenta wkoll il-Knisja, mhux biss

għaliex huwa magħmul minn ħaġriet diversi magħqudin u mibnija flimkien kif il-Knisja hija magħmula minn ħafna membri, iżda wkoll għaliex ħafna drabi l-artal ikollu magħluqin fih xi relikwiji tal-Qaddisin.

Meta s-saċerdot ibaxxi rasu quddiem l-artal u jbusu, ikun jagħmel sinjal ta' qima lejn Kristu u lejn il-Knisja, il-Ġisem Mistiku tiegħu. Din il-bewsa ta' tislima, għalhekk, tfisser kemm il-għaqda tal-qassis ma' Kristu l-Feddej, kif ukoll il-għaqda tal-Knisja rappreżentata fis-saċerdot, ma' Kristu r-Ras tagħha. Din il-bewsa mogħtija lill-artal għandha tfakkar lill-insara li huma magħqudin bl-imħabba ma' Kristu, li minnu tiġi kull grazzja u kull qdusija.

## 9. Is-Sinjal tas-Salib

Xħin is-saċerdot jieħu postu fuq is-sedja taċ-ċelebrant jew imur quddiem l-artal, huwa jrodd is-salib, u flimkien miegħu, troddu l-ġemgħa kollha ta' l-insara fil-Knisja. Bir-raġun kollu li l-Liturġija tal-Kelma tibda bir-radd tas-salib, għaliex huwa sintesi tal-Kredu u stqarrija fil-qosor tal-fidi tagħna.



Bis-sinjal tas-salib, aħna nistqarru t-twemmin tagħna fit-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa, f'Alla wieħed, kif ukoll fil-misteru ta' l-inkarnazzjoni u tar-redenzjoni mwettqa mill-Iben t'Alla magħmul bniedem, bil-passjoni u l-mewt Tiegħu.

Il-Quddiesa hija ċ-ċentru tal-Liturġija tal-Knisja u l-ikbar att ta' qima lit-Trinità Qaddisa, kif ukoll tifkira ħajja tal-fidwa tagħna.

Il-ġesti tagħna, waqt li nroddu s-salib, għandhom tifkira simbolika qawwija. L-id il-leminija tinżel mill-ġbin għal fuq is-sider, timxi minn fuq għal isfel u tfakkarna li Ġesù mis-Sema niżel fid-dinja. Imbagħad, l-istess id timxi mix-xellug għal-lemin, biex tindika li aħna permezz ta' Kristu, għaddejna mid-dlam għad-dawl, mid-dnub għall-ħajja tal-grazzja. Il-ġest isir f'għamla ta' salib u jfakkarna fit-tbatija u l-mewt li Kristu ġarrab fuq il-Kalvarju għall-fidwa tagħna.

## 10. It-Tislima tas-Saċerdot lill-Poplu

"Wara l-kant ta' l-introjtu, is-saċerdot u l-ġemgħa kollha jroddu s-salib. Imbagħad is-saċerdot jagħti lill-ġemgħa t-*tislima* tiegħu, bħala sinjal tal-preżenza tal-Mulej. Permezz ta' din it-tislima u tat-tweġiba tal-poplu jintwera l-misteru tal-Knisja miġmugħa." (O.G.M.R. - 28)

U wara li jmur fuq is-sedja, minn fejn titmexxa ċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Kelma, is-saċerdot jiftaħ idejh u jsellem lill-ġemgħa bil-kelmiet: "*Il-Mulej magħkom*" li għalihom l-insara jwieġbu "*U miegħek ukoll* ".

Din hija t-tislima l-iktar sabiħa li minn xi kittieba antiki (bħal ma hu l-awtur tal-ktieb **"Ecclesiastica Hierarchia"**) ġiet imsejħa "it-tislima divina". Hija t-tislima wżata ħafna fil-Kotba Mqaddsa. Hekk Bogħoż sellem lill-ħassada (Rut 2,4), il-profeta Azarija lis-Sultan Asa u lill-eżerċitu tiegħu (II Paralipp 15, 1-2). Bi kliem simili, sellem l-anġlu lil Gideon (Imħallfin 4,12) u l-arkanġlu Gabriel lill-Imqaddsa Verġni Marija (Luqa 1,28). Il-kelmiet tat-tweġiba "*U miegħek ukoll*" huma ispirati "mill-għeluq ta' xi ittra ta' San Pawl" .



Meta ċ-ċelebrant ikun Isqof, isellem bil-kelmiet "*Il-Paċi magħkom*". Din it-tislima hija antika ħafna fil-Knisja. Kif insibu fit-Testment il-Ġdid, (Lq 27, 36; Ġw 20, 19) Kristu kien isellem lid-dixxipli tiegħu bil-kelmiet: "*Il-Paċi magħkom*". Kienet ukoll id-drawwa ta' l-ewlenin insara li jagħtu lil xulxin din it-tislima.

It-tislima tas-saċerdot u t-tweġiba tal-ġemgħa jfissru x-xewqa li l-insara kollha jinġabru flimkien u jkunu *"qalb waħda u ruħ waħda"* fit-talb kollu li jagħmlu lil Alla.

B'din it-tislima, is-saċerdot ifakkar lill-komunità li magħhom hemm preżenti l-Mulej, għaliex Ġesù qal: *"Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġburin f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom"*.(Mt 18, 20) Bit-tweġiba tagħhom *"U miegħek ukoll"* l-insara jistqarru li huma jemmnu f'din il-preżenza ta' Kristu. Bir-raġun għalhekk, li fl-Ordni tal-Quddiesa jingħad li t-tislima tas-saċerdot u t-tweġiba tal-poplu "juru l-misteru tal-Knisja miġbura flimkien". (O.G.M.R. - 28)

Din it-tislima hija ripetuta diversi drabi matul il-Quddiesa. B'dan il-mod, bejn is-saċerdot u l-komunità tinħoloq għamla ta' djalogu, li jagħmel il-laqgħa tal-komunità ma' Kristu Rxoxt. (Lq 24, 35)

## 11. Ir-Rit Penitenzjali

Wara t-tislima lill-poplu, "is-saċerdot jistieden għall-azzjoni penitenzjali li ssir mill-ġemgħa kollha bl-istqarrija ġenerali u tagħlaq bl-assoluzzjoni tas-saċerdot". (O.G.M.R. - 29)

Sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja, l-insara minn rajhom kienu jħossu l-ħtieġa li fil-bidu tal-Quddiesa jitolbu l-maħfra ta' dnubiethom. Jista' jkun ukoll li kien hemm xi rit penitenzjali bħalma huwa l-ħasil tar-riġlejn kif għamel Kristu lill-Appostli fl-aħħar ċena. (Ġw 13, 4-11) Matul il-medda taż-żmien daħlet id-drawwa li tintgħamel stqarrija formali tal-ħtijiet u ssir talba għall-maħfra. Għad li fi żminijietna din it-talba għandha aktar minn għamla waħda, u tista' ssir ukoll b'mod spontanju minn dawk li jieħdu sehem fil-Quddiesa, iżda l-għamla l-iktar komuni u l-iktar antika hija dik tal-*"Confiteor"*.

Il-*"Confiteor"* huwa stqarrija solenni tal-ħtijiet li aktarx kellha bidu fis-seklu XIII jew XIV. Bih l-insara jistqarru quddiem Alla u quddiem il-Knisja li huma ħatja "bil-ħsieb, bil-kliem, bil-għemil u bit-tħollija tad-dmirijiet".

Bħal David wara li għaraf l-iżball tiegħu, s-saċerdot u l-poplu jistqarru ħtijiethom u jitolbu maħfra lil Alla: *"Dnibt bil-kbir b'li għamilt, issa neħħi, nitolbok, dan il-ħażen tal-qaddej tiegħek".* (1 Kronki 21, 8)



Bħall-pubblikan tal-parabbola (Lq 18,13), is-saċerdot u l-poplu waqt li jgħidu l-kelmiet "ħtija tiegħi" iħabbtu fuq sidirhom biex juru l-indiema tagħhom.

Aħna midinbin, iżda Kristu li hu l-Qaddis tal-qaddisin irid ikun il-mistieden tagħna, kif kien il-mistieden fid-dar ta' Żakkew (Lq 19,6). Biex nagħmlu laqgħa xierqa, kull wieħed minna li nieħdu sehem fil-Quddiesa għandna nħossu l-ħtieġa li nindmu, qabel nilqgħu lil Kristu.

## 12. Il-Kyrie Eleison

Il-kelmiet "*Kyrie Eleison*" ġejjin mill-Grieg u jfissru "Mulej ħenn għalina!" B'din it-talba formali ta' litanija, aħna nitolbu lil Alla jagħder id-djufija tagħna u juri magħna l-ħniena tiegħu. Hija l-konklużjoni xierqa ta' l-istqarrija tal-ħtijiet tagħna, li nagħmlu fil-*"Confiteor"*, u xi drabi tingħad bħala biċċa waħda minn dik l-istqarrija.

Meta jkun hemm il-Quddiesa kantata u l-partijiet li ma jitbiddlux jitkantaw bil-Latin, din it-Talba tingħad bil-grieg kif kien isir sa mill-qedem. Dan ifisser li għad li l-lingwa hija differenti, iżda hemm għaqda fil-fidi u fil-qima bejn il-Knisja tar-rit Latin u dik tar-rit Grieg, li realment huma Knisja waħda, li toqgħod għat-tmexxija tal-Papa. L-użu tal-lingwa griega jista' jfisser ukoll li l-bxara t-tajba tas-salvazzjoni ġiet mil-Lvant u għaddiet għall-Punent.

Fl-ewwel sekli din l-invokazzjoni kienet tifforma parti minn litanija twila u kienet tiġi ripetuta ħafna drabi. Fil-Liturġija ta' llum jingħadu biss sitta jew disa' invokazzjonijiet, imqassmin fi tliet gruppi ta' tnejn tnejn jew tlieta tlieta. Skond San Tumas, dawn l-invokazzjonijiet huma mqassmin fi tliet gruppi għaliex aħna nitolbu lil Alla jeħlisna minn tliet għamliet ta' miżerja spiritwali; jiġifieri, mill-injoranza, mid-dnubiet u mill-kastig tad-dnub.

It-tqassim fi tliet gruppi jfakkarna wkoll fi tliet persuni f'Alla wieħed. Nitolbu din il-ħniena u l-maħfra mingħand il-Missier, mingħand l-Iben, Sidna Ġesù Kristu, u mingħand l-Ispirtu s-Santu, li huma Alla wieħed.

Din it-talba għandha tqanqal fina l-fidi fil-qawwa omnipotenti ta' Alla li waħdu jista' jaħfer id-dnubiet tal-bnedmin, kif ukoll tama sħiħa li Huwa, fl-imħabba infinita tiegħu ta' Missier, iħenn għalina, ulied tiegħu u jħollna minn dnubietna.

## 13. Il-Glorja

Fil-Quddies tal-Ħdud u tal-festi, wara l-*Kyrie* jitkanta jew jingħad l-innu tal-*"Glorja"*. Din it-talba ta' tifħir lil Alla hija antika ħafna; sa mit-tieni seklu kienet teżisti fil-Liturġija griega u ġiet imdaħħla fil-Missal Ruman fis-sitt seklu (530).

Il-*"Glorja lil Alla fil-għoli tas-smewwiet"* isejħulha d-**"dossoloġija l-kbira"** jew l-innu twil ta' tifħir, sabiex jagħżluha mid-dossoloġija ż-żgħira li hija l-"Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu".

Isejħulha wkoll **"l-innu anġeliku"**, għaliex l-ewwel kelmiet tagħha huma dawk li għannew l-Anġli fuq l-għar ta' Betlem, fit-twelid ta' Kristu, kif insibuhom fil-Vanġelu ta' San Luqa (2.14); *"Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet, u sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu!"* F'Kull Quddiesa, f'ċertu sens, hija t-tiġdid tal-Milied, bil-ferħ qaddis li jġib miegħu, għaliex fil-Quddiesa, Kristu jiġi fostna, kif ġie l-ewwel darba meta twieled għalina fil-għar ta' Betlem.

L-innu għandu tliet taqsimiet: fl-ewwel taqsima, infaħħru lil Alla l-Missier ta' kull setgħa; fit-tieni nagħtu ġieħ lil Kristu, Ħaruf t'Alla, Bin il-Missier u nitolbuh ħniena; fit-tielet inqimu lil Kristu li huwa waħdu Qaddis, waħdu l-Mulej, waħdu l-għoli, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu fil-glorja (sebħ) tal-Missier. Fil-"Glorja", mhux biss infaħħru lil Alla wieħed fi tliet persuni, iżda niftakru wkoll li aħna midinbin u nitolbu maħfra ta' ħtijietna.

Hija ħaġa sabiħa li l-"Glorja" titkanta, għaliex il-kant jagħti ħajja liċ-ċerimonja liturġika u jħeġġeġ lill-insara biex jitolbu

aktar bil-qalb. Sant'Wistin igħidilna li l-kant huwa l-espressjoni ta' dawk li jħobbu.

## 14. Il-Kolletta

"Is-Saċerdot jistieden lill-poplu għat-talb billi jgħidilhom: "*Nitolbu*" u kulħadd jinġabar ftit fis-skiet, f'għaqda waħda mas-saċerdot, biex ilkoll iħossu li jinsabu quddiem Alla u fis-skiet ta' qalbhom juruh ix-xewqat tagħhom. Wara dan, is-saċerdot igħid it-talba li soltu tissejjaħ "*Kolletta*". Il-Kolletta minnha nfisha tiġbor fil-qosor il-ħsieb taċ-ċelebrazzjoni: permezz tagħha, il-Knisja tinqeda bil-kliem tas-saċerdot biex titlob lil Alla l-Missier, bi Kristu u fl-Ispirtu s-Santu.



Il-poplu jingħaqad qalb waħda fl-ispirtu tat-talba u jwieġeb *"Amen"* biex juri li jkun qiegħed jaċċetta din it-talba u jagħmilha tiegħu" (O.G.M.R. - 32).

Filwaqt li jagħmel din l-istedina għat-talb, is-saċerdot jiftaħ idejh lejn il-poplu, iżommhom mgħollija 'l fuq, imbagħad jerġa' jgħaqqadhom flimkien waqt il-ħin tas-skiet. Imbagħad is-saċerdot jibqa' b'idejh miftuħa waqt it-talba tal-Kolletta u jerġa' jagħlaqhom qrib it-tmiem tagħha.

Kif il-qassis jgħolli jdejh, hekk kull nisrani għandu d-dmir li jżomm 'il fuq il-qalb tiegħu; is-saċerdot huwa bħal Mosè fuq il-għolja mqaddsa, li bit-talb jidħol quddiem Alla għall-poplu nisrani fit-tiġrib kollu tiegħu.

Il-ġest tas-saċerdot li jiftaħ idejh bħalma għamel Kristu fuq is-salib, għandu jfakkar lill-ġemgħa li din it-talba tal-kolletta mhix talba personali tas-saċerdot biss. Hija talba tan-nies miġbura għall-Quddiesa, anzi talba tal-Knisja kollha kemm hi.

Madwar ir-raba' seklu, f'Ruma kien hemm id-drawwa li fi żmien ir-Randan u f'xi żminijiet oħra, l-insara kollha jinġabru fi knisja waħda, u minn hemm imorru proċessjoni lejn xi santwarju jew knisja oħra stazzjonali, fejn kienet issir iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, kull ġurnata fi knisja differenti. Din kienet it-talba tal-*"plebs collecta"* jiġifieri tal-poplu miġbur flimkien, u għalhekk baqgħet tissejjaħ "Kolletta".

Għad li qasira u magħmula minn kliem meqjus, il-"Kolletta" trid tħaddan fiha l-ħtiġijiet ta' kulħadd. It-talba ssir lill-Missier, iżda permezz ta' Kristu, Iben tiegħu u ta' l-Ispirtu s-Santu. L-għeluq tal-kolletta jfakkarna għal darb'oħra fil-misteru tat-Trinità Qaddisa li għall-ġieħ tagħha jsir is-sagrifiċċju tal-Quddiesa.

# IT-TIELET TAQSIMA

## IL-LITURĠIJA TAL-KELMA



"L-aqwa parti tal-Liturġija tal-Kelma hija magħmula mil-lezzjonijiet meħudin mill-Iskrittura Mqaddsa flimkien mal-kant li jsir bejniethom; l-omelija, l-istqarrija tal-Fidi u t-talba universali, jew talba tal-fidili jgħinu biex tiftiehem aħjar il-Liturġija tal-Kelma u jagħlqu ċ-ċelebrazzjonijiet tagħha. Infatti, fil-lezzjonijiet, imfissrin fl-omelija, Alla jkellem lill-poplu tiegħu, jiftaħlu quddiemu l-misteru tal-Fidwa u tas-salvazzjoni, u joffrilu ikel għal ruħu; u Kristu nnifsu bil-kelma tiegħu jkun jinħass fost il-fidili. Din il-Kelma ta' Alla l-poplu jagħmilha tiegħu permezz tal-kant u jorbot ruħu magħha bl-istqarrija tal-fidi, u mitmugħ minnha, jinfexx fit-talba universali għall-ħtiġijiet tal-Knisja Kattolika u għas-salvazzjoni tad-dinja kollha." (O.G.M.R. - 33)

### 15. Il-Qari tal-Quddiesa

Kienet id-drawwa tal-Lhud, fi żmien is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, li meta jiltaqgħu fis-sinagogi tagħhom, barra mit-talb, jagħmlu wkoll xi qari mill-Kotba Mqaddsa li dwaru,

imbagħad, kien jingħata t-tifsir lill-poplu. Hekk f'San Luqa (4, 16-17) insibu li meta Ġesù kien f'Nazaret, "*daħal fis-sinagoga tagħhom, kif kien imdorri jagħmel nhar ta' Sibt u qam biex jaqra. Tawh f'idejh il-ktieb ta' Iżaija l-profeta*".

Il-Knisja, sa mill-bidu tagħha, żammet din id-drawwa u fl-ewwel parti tal-Quddiesa jsir qari mill-Kotba tal-Bibbja. Fl-ewwel sekli, ma kien hemm l-ebda regola dwar kemm il-silta tinqara mill-Iskrittura Mqaddsa u dwar it-tul tagħha. San Ġustinu Martri, li kien jgħix madwar is-sena 150 wara Kristu, jgħidilna li l-qarrej kien jibqa' sejjer bil-qari skond kemm jippermetti ż-żmien.

Skond ir-riforma li saret wara l-Konċilju Vatikan it-Tieni, nhar ta' Ħadd u fil-Festi jinqraw tliet siltiet mill-Iskrittura Mqaddsa: l-ewwel waħda tkun mill-Kotba tar-Rabta l-Qadima u fi żmien il-Għid mill-Atti ta' l-Appostli; it-tieni qari jkun mill-Ittri ta' l-Appostli u t-tielet qari jkun meħud mill-kotba ta' l-Evanġelju Mqaddes. Fil-ġranet ferjali, qabel il-Vanġelu jkun hemm qari wieħed biss.

Matul il-qari tal-Quddiesa l-insara għandhom ikunu attenti biex jisimgħu l-Kelma t'Alla u pronti biex iwieġbu għaliha. Jeħtieġ għalhekk li jaħdem il-moħħ biex jifhem il-messaġġ tal-Mulej u titqanqal ir-rieda biex il-bniedem iwettaq dak li Alla jrid minnu.

Is-smiegħ tal-qari ta' l-Iskrittura, u tal-kelma tal-ministru t'Alla fl-omelija, għandu jsaħħaħ fl-insara l-fidi tagħhom u jħejjihom aħjar biex jieħdu sehem fiha. "B'qima umli mhux immexxijin minn raġunijiet umani, imma f'rabta sħiħa mar-Rivelazzjoni Divina." (Enċiklika tal-Papa Pawlu VI *Mysterium Fidei* n. 16)

Il-Quddiesa, mela, hija wkoll skola fejn id-dixxipli ta' Kristu jitgħallmu l-veritajiet irrivelati minnu, jimmeditaw fil-ġabra l-messaġġ li tagħtihom il-Liturġija ta' dak il-jum, u jissaħħu

fit-twemmin u hekk iwettqu l-ewwel kundizzjoni meħtieġa biex jogħġbu lil Alla (Lhud 11.6).

Din il-fidi li titqanqal dejjem iżjed u żżomm ħajja bis-smiegħ tal-Kelma tal-Mulej, twassalna għall-adorazzjoni, għax huwa dmir tagħna li naduraw il-Verb Divin preżenti fil-kliem ta' l-Iskrittura, l-Għerf Infinit t'Alla mogħti lilna taħt il-libsa ta' kelmiet umani, il-Mulej li jimmanifesta ruħu fil-Kotba Mqaddsa b'manjiera hekk singolari u kollu ħniena li għandha tqanqalna. (Kard. G. Lercaro *"L'Eucaristia nelle nostre mani"*, paġ. 135)

## 16. L-Ewwel u t-Tieni Qari

Wara l-Kolletta, il-Lettur imur fuq l-ambone u jgħid l-ewwel lezzjoni, waqt li kulħadd ikun bilqiegħda jisma'; wara l-lezzjoni, il-lettur igħid *"Il-Kelma tal-Mulej"* u kulħadd iwieġeb *"Inroddu ħajr lil Alla"*. (O.G.M.R. - 89) Jekk ikun hemm lezzjoni oħra qabel l-Evanġelju, tinqara bl-istess mod (O.G.M.R. - 91).

Dan isir biex jingħata tagħlim lill-insara u għalhekk matul dan il-qari, dawk li jkunu jieħdu sehem fil-Quddiesa joqogħdu bil-qiegħda għaliex f'din il-qagħda jkunu jistgħu, b'attenzjoni akbar, jisimgħu l-messaġġ li jingħatalhom u jimmeditawh.

Qabel ma kienu għadhom inkitbu l-Kotba Mqaddsa tat-Testment il-Ġdid, fil-laqgħat ta' l-insara ta' l-ewwel żminijiet kien isir qari mill-kotba tar-Rabta l-Qadima. San Pawl, fil-vjaġġi missjunarji tiegħu, kien jieħu sehem f'qari bħal dan (Atti 13,14). Minn dak li jirrikmanda huwa stess, nistgħu nifhmu li aktar tard, fil-laqgħat reliġjużi ta' l-insara, kien beda jsir xi qari mill-Ittri ta' l-Appostli.

Il-qari, li jsir wara l-kolletta, illum jissejjaħ ħafna drabi **"epistola"** li tfisser ittra, anke jekk ma jkunx meħud mill-Ittri ta' l-Appostli. Dan l-isem sar komuni fiż-Żminijiet tan-Nofs. Fl-

aħħar mill-aħħar, dan l-isem, jiġifieri ittra, igħodd għall-kotba kollha tal-Bibbja kemm tar-Rabta l-Qadima, kif ukoll tar-Rabta l-Ġdida, għaliex dawn, kif jgħidilna l-Papa Ljun XIII fl-enċiklika *Providentissimus* (n.1), huma bħal ittri jew messaġġi mibgħutin mill-Missier tas-Sema u mwasslin mill-kittieba sagri lill-ġens tal-bnedmin li qegħdin jivvjaġġjaw 'l bogħod minn art twelidhom.

L-iskop liturġiku ta' l-*"epistola"* huwa dak li jurina li Alla kellimna permezz ta' dawk il-bnedmin li huwa bagħat fid-dinja bħala ambaxxaturi u ħabbara tas-slatna tiegħu u li kienu ispirati minnu. Dan iħejjijna sabiex ftit wara nisimgħu u naqilgħu l-messaġġ fl-Evanġelju Mqaddes.

Fi tmiem il-qari l-insara jwieġbu *"Inroddu ħajr lil Alla"* li jfisser nirringrazzjaw lill-Mulej li wassal id-dawl tat-tagħlim tiegħu lill-Profeti u lill-Appostli u dawn għaddewh lilna biex bih idawlu r-ruħ tagħna.

## 17. Il-Kant bejn il-Lezzjonijiet

Wara l-ewwel lezzjoni jiġi s-*Salm Responsorjali* jew *"Gradwal"* li huwa parti integrali mil-Liturġija tal-Kelma. Is-salm ordinarjament jittieħed mil-lezzjonarju għax hemm rabta kbira bejn il-lezzjoni u s-salm magħżul għaliha, u għalhekk il-għażla tas-salm hija marbuta mal-lezzjonijiet. (O.G.M.R. - 36) Dan is-salm jiġi kantat jew jinqara.

Wara t-Tieni Lezzjoni tiġi l-*"Hallelujah"* jew kant ieħor, bħal ma hu l-versett ta' qabel l-Evanġelju, skond kif jitlob iż-żmien liturġiku. Hekk fil-jiem tal-penitenza l-*"Hallelujah"* ma tingħadx, u minflokha jkun hemm silta żgħira li tissejjaħ *"tratt"*. F'ċerti festi, tingħad ukoll is-Sekwenza li hija kompożizzjoni ritmika jew innu.

Meta qabel l-Evanġelju ikun hemm lezzjoni waħda biss, bħal fil-ġranet ferjali, is-Salm Responsorjali u l-*"Hallelujah"* jingħadu immedjatament wara xulxin.

Sa mis-seklu tnax, dan is-salm jissejjaħ ukoll *gradwal* għaliex kien jiġi kantat mis-solisti fuq it-taraġ ta' l-ambone jew fuq it-taraġ ta' l-artal.

Is-Salm Responsorjali huwa bħala kumment għall-qari li jkun sar qabel u espressjoni tas-sentimenti devoti mqanqlin minn dak il-qari. Dan is-salm u l-kant l-ieħor bejn il-lezzjonijiet għandhom bi skop tagħhom dak li jneħħu l-monotonija tal-qari u ma jħallux lis-semmiegħa jixbgħu jew jiddejqu. Barra minn hekk, jagħtu lok għall-meditazzjoni ta' l-insara bejn lezzjoni u oħra.

Waqt l-*Hallelujah* jew kant ieħor, is-saċerdot jixħet l-inċens fiċ-ċensier, jekk jintuża. Imbagħad, is-saċerdot jew id-djaknu li jkun ser jaqra l-Evanġelju iħejji ruħu għal dan il-qari, billi jgħaqqad idejh ma' xulxin, imur quddiem l-artal, ibaxxi rasu u taħt l-ilsien jgħid it-talba *"Naddafli qalbi u fommi..."* Hija invokazzjoni sabiex Alla jsaffi l-qalb u x-xofftejn tal-ministru tiegħu, ħalli dan ikun jista' jħabbar kif jixraq l-Evanġelju, peress li ħadd ma hu safi u qaddis biżżejjed biex iwettaq din l-azzjoni. Dan ifakkarna fil-ġrajja ta' Iżaija l-profeta, li Alla bagħatlu anġlu b'ġamra taqbad, simbolu tal-grazzja, u naddaflu xofftejh.

Wara din it-talba, is-saċerdot jew id-djaknu, bil-ktieb ta' l-Evanġelju f'idejh, imur fuq l-ambone bil-ministri mexjin quddiemu; dawn jistgħu jieħdu magħhom iċ-ċensier u x-xemgħat mixgħula, li jissejħu wkoll "akkolti".

## 18. L-Evanġelju

Fuq l-ambone, is-saċerdot jew id-Djaknu jiftaħ il-ktieb u jgħid: *"Il-Mulej magħkom"*. Wara t-tweġiba tal-poplu, ikompli jgħid: *"Qari mill-Evanġelju ..."* waqt li jagħmel is-sinjal tas-salib, l-ewwel fuq il-ktieb u mbagħad fuq fommu u fuq sidru; u jinċensa l-ktieb, jekk jintuża l-inċens. Wara l-akklamazzjoni tal-poplu, ixandar l-Evanġelju. Fl-aħħar igħid: *"Il-Kelma tal-Mulej"*





u l-poplu jwieġeb, *"Tifħir lilek Kristu"*. Imbagħad is-saċerdot ibus il-ktieb u jgħid: *"Bit-tagħlim ta' l-Evanġelju nitnaddfu minn dnubietna"*.

Il-Liturġija stess turina x'ġieħ kbir jistħoqqlu l-qari ta' l-Evanġelju. Infatti hija stess troddlu gieħ aqwa minn dak li tagħti lil-lezzjonijiet l-oħra, ġieħ li hija turih b'dawn il-modi:

(a) il-ministru li jkun ser ixandru jħejji ruħu għalih b'barka jew talba speċjali;
(b) il-fidili jqumu bil-wieqfa biex jisimgħuh u jwieġbu b'xi akklamazzjoni biex juru u jistqarru li Kristu jkun preżenti fosthom u qiegħed ikellimhom;
(c) l-istess ktieb ta' l-Evanġelju jingħatawlu sinjali ta' ġieħ (O.G.M.R. - 35).

L-Evanġelju huwa l-ktieb tal-verità li fih Kristu stqarrli huwa t-triq, is-sewwa u l-ħajja (Ġw 14,6) jagħtina l-messaġġ tiegħu u b'hekk jurina t-triq li twassal għand il-Missier. L-Evanġelju huwa l-frott l-iktar bnin li jinġabar mis-siġra tal-Bibbja, l-ikel li jagħti s-saħħa lir-ruħ, l-aqwa għerf u xjenza li ssalva l-bnedmin, id-dawl l-iktar jiddi li qatt deher fid-dinja.

L-ewlenin insara kienu jġorru fuq sidirhom xi siltiet mill-ktieb tal-Vanġelu, biex juru x-xewqa tagħhom li l-imħabba ta' Kristu taħkem fil-qalb tagħhom.

Waqt il-qari ta' l-Evanġelju, in-nies fil-knisja joqgħodu bil-wieqfa bħala sinjal tal-qima lejn it-tagħlim ta' Kristu u biex juru li huma lesti jimxu warajh.

Qabel ma jaqra l-Evanġelju, il-ministru jsejjaħ lill-poplu bil-kelmiet: *"Il-Mulej magħkom"* u dan huwa awgurju li l-insara jkollhom dejjem l-għajnuna t'Alla ħalli jifhmu u jwettqu fil-ħajja tagħhom it-tagħlim ta' Kristu.

Fil-bidu ta' l-Evanġelju, il-ministru u l-insara jagħmlu b'subgħajhom il-kbir sinjal tas-salib fuq fommhom u fuq sidirhom. Dan ifisser li t-tagħlim ta' Kristu kien ifejjaq il-mard tal-ġisem u tar-ruħ. Għad li ma nistgħux naraw lil Kristu bil-għajnejn tal-ġisem, iżda l-kelmiet tiegħu għandhom u jibqagħlhom dejjem dik il-qawwa li tfejjaq ir-ruħ tagħna, jekk aħna nkunu lesti li naċċettawhom u niddawlu bid-dawl tagħhom.

## 19. L-Omelija



Wara l-qari ta' l-Evanġelju, is-saċerdot jew id-djaknu jagħmel l-omelija li fiha jfisser il-messaġġ tal-qari tal-Quddiesa. "L-Omelija hija parti mil-Liturġija rrikmandata ħafna mill-Knisja, għaliex tagħti l-għajnuna meħtieġa lill-ħajja nisranija" (O.G.M.R. - 41).

Sa minn żminijiet l-aktar qodma, kif jixhed San Ġustinu (Apol 1, c 67) wara l-Evanġelju kienet issir priedka.

Il-Konċilju ta' Trentu kien obbliga lis-saċerdoti li għandhom ir-responsabbiltà ta' l-erwieħ, sabiex ta' spiss u speċjalment fil-Ħdud u fil-festi, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, ifissru lill-insara "xi ħaġa minn dak li jinqara fil-Quddiesa" (Sessjoni XXII, kap 8 - Denzinger 946).

Il-Konċilju Vatikan it-Tieni fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija *"Sacrosanctum Concilium"* n.52 igħid: "Hija rrikmandata ħafna l-omelija, li hija parti mil-Liturġija nfisha, li fiha, matul is-sena liturġika, mit-test imqaddes ikunu mgħallma lin-nies il-misteri tat-twemmin u tal-ħajja nisranija; anzi l-omelija, **m'għandha qatt titħalla barra fil-Quddies tal-Ħdud u l-festi** li jitqaddsu għall-poplu, jekk mhux għal xi kawża gravi".

## 20. Il-Kredu

Il-*Kredu* jew is-simbolu għandu jingħad mis-saċerdot flimkien mal-poplu, fil-Ħdud u fis-Solennitajiet; jista' jingħad ukoll f'ċelebrazzjonijiet speċjali aktar solenni (O.G.M.R. - 44).

Bil-kant jew bir-reċita tal-Kredu tasal għall-konklużjoni l-iskola tad-dixxipli ta' Ġesù, għaliex wara li l-Assemblea tkun semgħet it-tagħlim ta' l-Imgħallem Divin, li jkellimna fl-Evanġelju u bil-leħen tal-Knisja tiegħu fl-omelija, jixraq li tingħata tweġiba bil-Kredu, hekk li kull nisrani qisu jkun qiegħed jgħid: "Nemmen, o Mulej, dak kollu li għoġbok tirrevelalna".

Il-Kredu huwa l-istqarrija ċara u li qatt ma tinbidel, ta' dak li għandna nemmnu biex nistgħu nsalvaw. Huwa l-pedament taż-żonqor li fuqu jinbena t-twemmin ta' wlied il-Knisja Kattolika. Huwa l-ħaġra soda li ebda qawwa tal-bnedmin jew ta' l-infern ma tista ċċaqlaq. Il-Kredu huwa l-ġabra meraviljuża tal-veritajiet tal-fidi, li l-Knisja Kattolika tistqarr matul is-sekli kollha.



Il-ħtieġa ta' din il-ġabra jew formularju tal-fidi bdiet tinħass sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja. Sant'Irinew isejħilha *"regola tal-fidi li ma titbiddilx, li kull wieħed jirċievi fil-Magħmudija"*. Is-Santi Padri ħallewlna testi differenti ta' din ir-regola, magħmulin bil-għan li jikkumbattu l-ereżiji li kienu jinħolqu 'l hawn u 'l hemm.

Il-Kredu kellu post importanti fit-tħejjija tal-katekumeni għall-magħmudija. Kien qisu t-test tat-tagħlim tagħhom ***(Traditio symboli).*** Ħadd ma kien jiġi aċċettat biex jidħol fil-komunità nisranija, jekk ma kienx ikun jaf il-Kredu bl-amment ***(Redditio symboli )*** Fi żmienna wkoll, is-simbolu jew l-istqarrija tal-fidi jagħmlu parti mir-rit tal-Magħmudija.

Id-drawwa li jingħad il-Kredu fil-Quddiesa kienet teżisti fil-liturġija Griega sa mis-seklu sitta (VI), u daħlet fil-Gallja (Franza) fis-seklu disgħa (IX). F'Ruma, il-Kredu beda jingħad fil-Quddiesa tas-Sultan Enriku II din id-drawwa ġiet aċċettata uffiċċjalment mill-Papa Benedittu VIII .

## 21. It-Talba tal-Fidili

Wara l-Kredu issir it-talba universali jew *Talba tal-Fidili,* li fiha l-poplu jieħu s-sehem li jmissu u li titmexxa mis-saċerdot (O.G.M.R. - 99).

F'din it-talba il-poplu jkun qiegħed iħaddem il-funzjoni saċerdotali tiegħu u jitlob għall-bnedmin kollha. Fiha jsir talb għall-Knisja Mqaddsa, għal dawk li jinsabu f'diversi bżonnijiet u għas-salvazzjoni tad-dinja kollha (O.G.M.R. - 45).

L-insara miġburin flimkien għall-Quddiesa huma parti mill-Ġisem Mistiku ta' Kristu jew tal-Knisja Universali, kif ukoll huma parti mill-popolazzjoni tad-dinja. Huma jirrappreżentaw l-umanità kollha kemm hi, jiġifieri l-bnedmin kollha. Għalhekk huma għandhom jiftakru mhux biss fil-ħtiġijiet partikulari tagħhom skond iċ-ċirkustanzi li jgħixu fihom, iżda għandhom jiftakru wkoll fil-ħtiġijiet ġenerali tal-Knisja u tad-dinja.



# IR-RABA' TAQSIMA

## IL-LITURĠIJA EWKARISTIKA

L-ikla ta' l-aħħar ta' Kristu, li fiha Huwa waqqaf it-tifkira tal-mewt u l-qawmien tiegħu, issir dejjem preżenti fil-Knisja, billi s-saċerdot li jirrappreżenta 'l Kristu l-Mulej, jagħmel l-istess ħaġa li Kristu Sidna għamel u taha lid-dixxipli tiegħu biex jagħmluha b'tifkira tiegħu, meta Hu waqqaf is-sagrifiċċju ta' l-Ikla tal-Għid.

Kristu ħa l-ħobż u l-kalċi, radd il-ħajr, qasam u ta lid-dixxipli tiegħu u qal: "*Ħudu, kulu, ixorbu; dan huwa Ġismi; dan huwa l-kalċi ta' Demmi. Agħmlu dan b'tifkira tiegħi.*" Kien għalhekk li l-Knisja nisġet iċ-ċelebrazzjoni kollha tal-liturġija ewkaristika f'taqsimiet li jwieġbu għal dawn il-kelmiet u l-azzjonijiet ta' Kristu. U tassew:



(1) Fit-*tħejjija ta' l-offerti*, fuq l-artal jitressqu ħobż u inbid u ilma, jiġifieri dawk il-ħwejjeġ essenzjali li Kristu ħa f'idejh, fl-aħħar Ikla mal-Appostli.

(2) Fit-*talba Ewkaristika* jintradd ħajr lil Alla għall-opra kollha tas-salvazzjoni u l-offerti *jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.*

(3) Fil-qsim ta' ħobża waħda jintwera li l-fidili huma magħqudin ħaġa waħda u bit-*tqarbin* huma jieħdu Ġisem u Demm il-Mulej, bl-istess mod kif għamlu l-Appostli minn idejn Kristu nnifsu (O.G.M.R. - 48).

Matul il-Liturġija ta' l-Ewkaristija, l-attenzjoni tagħna għandha tinġabar fuq it-tliet atti importanti li minnhom hu magħmul il-misteru ewkaristiku.

Fl-**Offertorju** jew *tħejjija ta' l-oblati,* nersqu lejn Alla bl-offerti tagħna, meta nippreżentawlu l-ħobż u l-inbid għas-sagrifiċċju; fil-**Konsagrazzjoni,** Kristu jiġi fostna bil-preżenza ewkaristika tiegħu fuq l-artal biex ifakkar is-sagrifiċċju li wettaq darba għal dejjem fuq il-Kalvarju; **fit-Tqarbin,** Kristu jiġi għandna biex iqaddisna bil-grazzja tiegħu u jmantnina spiritwalment bil-ġisem u d-demm imqaddes tiegħu.

Fit-*tħejjija ta' l-oblati*, għalhekk, flimkien mas-saċerdot l-insara għandhom "joffru lilhom infushom u minn jum għall-ieħor, permezz ta' Kristu Medjatur, jitqaddsu fl-għaqda m'Alla u bejniethom infushom biex Alla jsir tabilħaqq kollox f'kulħadd" (*Sacrosanctum Concilium* n. 48). Il-ħajja kollha tagħna għandha tiġi ppreżentata lil Alla bil-ferħ u bin-niket tagħha, bit-tbatija u l-ħidma ta' kull ġurnata. Huwa l-ħin li nressqu quddiem it-tron tal-Mulej il-problemi personali tagħna, tal-familja u tal-Knisja. Żgur ħajjitna jkollha tifsira wisq isbaħ jekk nitgħallmu noffruha ta' kuljum lill-Missier tagħna tas-Sema.

Fil-ħin tal-*Konsagrazzjoni*, imbagħad, fil-waqt li b'miraklu sublimi l-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, għandna nitolbuh il-grazzja li neqirdu minna dak kollu li mhux skond il-qalb t'Alla u li nittrasformaw ruħna fi Kristu, sabiex ħajjitna tkun dejjem iżjed magħquda ma' Tiegħu.

Fl-aħħarnett, fil-ħin tat-*Tqarbin*, għandna niftakru li l-Quddiesa hija l-laqgħa tal-Familja t'Alla madwar il-mejda mixtieqa mill-Missier. Jeħtieġ li nkunu persważi li ma nistgħux ngħixu għat-tul fil-grazzja t'Alla u fil-ħbiberija miegħu, jekk ma nersqux ta' spiss lejn il-Mejda Ewkaristika.

## 22. Il-Purċissjoni bl-Offerti



Fil-bidu tal-Liturġija Ewkaristika, jitħejja l-artal billi fuqu jitqiegħdu l-korporal, il-purifikatur, il-kalċi u l-missal. Imbagħad jitressqu l-offerti tal-ħobż u l-inbid li iktar tard bil-konsagrazzjoni tagħhom isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.

Sas-seklu ħdax, fil-Knisja kien hemm id-drawwa li l-Insara kienu jġibu magħhom minn djarhom l-offerti u f'dan il-ħin

tal-Quddiesa, jiffurmaw purċissjoni u jersqu lejn l-artal biex inewlu liċ-ċelebrant il-ħobż u l-inbid għas-sagrifiċċju, flimkien ma' ħwejjeġ oħra għall-fqar.

Fiċ-ċelebrazzjoni liturġika kif issir illum, ikun jaqbel ħafna jekk il-fidili bħala sinjal tas-sehem tagħhom fil-Quddiesa jtellgħu l-offerti tal-ħobż u l-inbid għall-Ewkaristija jew offerti oħra li jservu għall-ħtiġijiet tal-Knisja jew tal-foqra.

Is-saċerdot, bil-għajnuna tal-ministri, jirċievi l-offerti, tal-ħobż u l-inbid għall-Ewkaristija, jitqiegħdu fuq l-artal, u l-offerti l-oħra jitpoġġew f'post adattat (O.G.M.R. - 101).

Jekk waqt iċ-ċelebrazzjoni ssir xi ġabra għall-Knisja jew għal opra tajba, jixraq li din tibda wara t-Talba tal-Fidili u tintemm qabel ma jibda l-Prefazju.

L-offerta ta' kull wieħed hija parti mill-azzjoni liturġika. Min jagħti l-offerta tiegħu b'mod simboliku juri li qed jieħu sehem fis-sagrifiċċju ta' Kristu. Barra minn hekk, din hija prova li huwa jinteressa ruħu mill-Ġisem Mistiku ta' Kristu li tiegħu huwa membru. Fl-ewwel ittra lill-Korintin (16,2) San Pawl iħeġġeġ lill-insara biex ikunu ġenerużi u jagħtu milli jistgħu.

Waqt il-purċissjoni bl-offerti isir il-kant għall-offertorju, għall-inqas sa ma l-offerti jitqiegħdu fuq l-artal (O.G.M.R. - 50).

## 23. L-Offerta tal-Ħobż

Is-saċerdot fuq l-artal jieħu l-patena bil-ħobż, waqt li b'idejh it-tnejn iżommha kemm kemm merfugħa 'l fuq.

Huwa ċert li l-Appostli u s-saċerdoti ta' l-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu ma kienux jużaw formuli jew talbiet determinati waqt l-oblazzjoni, jiġifieri fl-offerta tal-ħobż u ta' l-inbid. Għal ħafna sekli fil-Knisja ma kien hemm xejn preskritt rigward din il-ħaġa, kif jidher mis-sagramentarji antiki.

Skond l-aħħar riformi liturġiċi, is-saċerdot waqt li joffri l-ħobż jgħid: *"Imbierek int, Mulej, Alla tal-ħolqien kollu għax fi tjubijtek tajtna l-ħobż li qegħdin noffrulek, frott ta' l-art u xogħol il-bniedem li minnu jsir għalina l-ħobż tal-ħajja"* u l-insara jwieġbu: *"Imbierek Alla għal dejjem".*

Il-Mulej fl-aħħar ċena kkonsagra ħobż ażżmu, għaliex fi żmien il-Għid meta Kristu, kif naqraw fl-Evanġelju, għamel l-aħħar ċena u waqqaf l-Ewkaristija, il-Lhud ma kienux jieklu ħobż bil-ħmira.

Il-ħobż huwa magħmul minn qamħ mitħun u magħġun bl-ilma. Fid-*Didachè* jew id-Duttrina ta' l-Appostli, f'kap 9, waħda mill-kitbiet l-iktar antiki fil-Knisja, insibu din it-talba: "Kif dan il-ħobż kien imxerred fuq l-għoljiet u mbagħad sar ħaġa waħda, hekk ukoll il-Knisja tiegħek tinġabar mit-truf kollha ta' l-art fis-saltna tiegħek". L-ostja, mela, hija xebħ ta' l-għaqda mistika ta' l-insara kollha fi Kristu. Peress li l-qamħ biex isir dqiq abjad jeħtieġ li jiġi mitħun, hekk ukoll ir-rieda tal-bniedem, jeħtieġ li tgħaddi mill-magħsar ta' l-umiltà u taċ-ċaħda, biex tikseb is-safa li biha togħġob lil Alla.

Meta s-saċerdot f'isimna joffri l-ħobż u l-inbid, li huma l-frott ordinarju ta' l-art, għandna niftakru li fuq kollox lil Alla għandna noffrulu r-rieda tagħna. Noffrulu wkoll it-talb tagħna, xogħolna, in-niket u l-ferħ li jkollna u ħajjitna kollha, filwaqt li nagħrfu li f'kollox niddependu minn Alla, għaliex Huwa ħalaqna u hu s-Sid tagħna.

## 24. L-Offerta ta' l-Inbid

Qabel ma jagħmel din l-offerta, is-saċerdot jixħet l-inbid fil-kalċi, u mbagħad iżid ftit qatriet ta' l-ilma, waqt li b'leħen baxx igħid il-formula: *"Bil-misteru ta' dan l-ilma u inbid, ikollna sehem fin-natura divina ta' Kristu, kif Hu jissieħeb magħna fin-natura tagħna l-bnedmin."* Imbagħad jieħu l-kalċi f'idejh it-tnejn u

 

jżommu kemm kemm merfugħ 'l fuq f'nofs l-artal, waqt li jgħid il-formula: *"Imbierek int, Mulej, Alla tal-ħolqien kollu, għax fi tjubitek tajtna l-inbid li qegħdin noffrulek, frott tad-dielja u xogħol il-bniedem li minnu jsir għalina x-xorb tar-ruħ".* Il-poplu jwieġeb *"Imbierek Alla għal dejjem"*.

Wara li jqiegħed il-kalċi fuq il-korporal, is-saċerdot jitbaxxa u jgħid fis-skiet: *"Ilqagħna, Mulej Alla tagħna, umli u niedma quddiemek u agħmel li jkun jogħġbok dan is-sagrifiċċju li sejrin noffrulek"* (O.G.M.R. - 103-104).

Id-drawwa li ma' l-inbid jintefgħu xi qatriet ta' l-ilma hija antika ħafna fil-Knisja u dwarha jitkellmu kemm San Ġustinu kif ukoll San Ċiprijanu.

It-tifsira ta' din it-taħlita ta' l-ilma ma' l-inbid jagħtihielna l-Konċilju ta' Trentu (Sessjoni XIII). Wisq probabbli li anke Kristu fl-aħħar ċena żied xi qatriet ta' ilma ma' l-inbid, kif kienu jużaw mhux biss l-Iżraeliti, iżda wkoll il-Griegi u r-Rumani ta' dak iż-żmien. Din it-tifkira tfakkarna wkoll li mill-kustat minfud ta' Kristu ħarġu qatriet ta' demm u ilma.

Tifsira oħra simbolika jagħtiha San Ċiprijanu (Apol. 17. 1,15): L-Inbid ifisser Kristu u l-qatriet ta' l-ilma l-insara. Kif l-inbid u l-ilma jsiru ħaġa waħda, hekk l-insara għandhom ikunu magħqudin ma' Kristu r-ras tagħhom.

It-talba li tingħad mis-saċerdot waqt it-tfiegħ ta' l-ilma: *"Bil-misteru..."* turina tifsira oħra, jiġifieri l-għaqda tan-natura umana man-natura divina fil-persuna ta' Kristu, li sar bniedem għall-fidwa tagħna.

It-talba li jgħid fl-aħħar is-saċerdot b'leħen baxx *"Ilqagħna Mulej....."* hija meħuda mill-kelmiet tat-tlitt itfal ta' Babilonja, li kienu ġew ikkundannati biex jiġu mitfugħa fil-forn tan-nar, u li nsibuhom fil-ktieb tal-Profeta Daniel (3, 39-40). Fiha wkoll il-ħsieb tas-Salm Penitenzjali *"Miserere"* (Salm 51, 19). "Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu qalb niedma; qalb maqsuma u sogħbiena Int ma twarrabhiex, o Alla".

Is-sagrifiċċju estern huwa simbolu tas-sagrifiċċju intern, kif igħallimna Sant Wistin (De Civitate Dei, 10,6). Is-sagrifiċċju li noffru b'mod li jidher, ifisser is-sagrifiċċju spiritwali li bih ir-ruħ toffri lilha nfisha 'l Alla. Għalhekk l-offerta tad-doni materjali u li jidhru, jiġifieri tal-ħobż u l-inbid, għandha tkun imsieħba mas-sagrifiċċju intern tas-saċerdot u ta' l-insara, jiġifieri s-sagrifiċċju tal-qalb umli u niedma.

Proprju biex ifisser dan is-sentiment ta' ndiema s-saċerdot ibaxxi rasu quddiem l-artal, waqt li jlissen dik it-talba.

## 25. Il-Ħasil ta' l-idejn

Imbagħad is-saċerdot imur fil-ġenb ta' l-artal, il-ministru jsawwablu l-ilma u hu jaħsel idejh u jixxottahom, waqt li jgħid il-formula preskritta: *"Naddafni, Mulej, minn ħżuniti u d-dnub tiegħi aħfirli"* (O.G.M.R. - 106).



Dan huwa r-rit li bih ħija mfissra x-xewqa ta' safa tal-qalb (O.M.G.R. - 52).

Id-Duttur tal-Knisja San Tumas (S. Theol. III, q.83 a 2) jagħti żewġ raġunijiet għaliex is-saċerdot fil-Quddiesa jaħsel subgħajh. "Peress li meta mmissu ħwejjeġ prezzjużi, dan nagħmluh b'idejna maħsulin, ma jidhirx li huwa xieraq li wieħed jersaq lejn dan is-Sagrament hekk kbir, jekk idejh ma jkunux nodfa, anke materjalment...". Il-ħasil ta' tarf is-swaba, kif igħallem Dionisju, ifisser it-tisfija anke tad-dnubiet iż-żgħar, kif insibu f'San Ġwann (13.10): "Min hu maħsul, ma għandux għalfejn jinħasel kollu". Fi kliem ieħor, dan ir-rit għandu tifsira simbolika, jiġifieri min irid iwettaq is-sagrifiċċju Mqaddes jeħtieġ li jkun safi u ħieles mill-ħtijiet.

Waqt li jwettaq dan ir-rit is-saċerdot jirreċita talba qasira li tfakkarna fil-kliem tas-salmista: "minħabba l-isem tiegħek, Mulej, aħfirli ħżuniti." (Salm 25)

## 26. It-talba fuq l-Offerti

Is-saċerdot, f'nofs l-artal u wieqaf b'wiċċu lejn il-poplu, jiftaħ u jagħlaq idejh filwaqt li jistieden l-insara għat-talb billi jgħid: *"Itolbu ħuti, biex is-sagrifiċċju tiegħi u tagħkom ikun jogħġob lil Alla l-Missier li jista' kollox."* Il-poplu jwieġeb: *"Jilqa' l-Mulej minn idejk is-sagrifiċċju għat-tifħir u l-glorja ta' Ismu, għall-ħtiġijiet tagħna u tal-Knisja Mqaddsa kollha tiegħu."* Imbagħad is-saċerdot jiftaħ mill-ġdid idejh u jgħid it-talba fuq l-offerti, li għaliha l-poplu jwieġeb: *"Amen"* (O.G.M.R. - 107).

Dan ir-rit kellu l-bidu tiegħu fil-Liturġija Gallikana. Għall-ewwel iċ-ċelebrant kien jagħmel din l-istedina lis-saċerdoti li kien ikollu madwaru biss. Iktar tard din l-istedina bdiet issir lill-insara kollha miġburin fil-knisja. L-istedina għat-talb li s-saċerdot jagħmel lill-ġemgħa ta' l-insara, għandha tħejji l-attenzjoni tagħhom u tħeġġiġhom għat-talba fuq l-offerti. Fit-tweġiba tagħhom l-insara jiftakru li s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa jiswa ta' ġid mhux biss għal dawk li jkunu preżenti waqt iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, iżda għall-Knisja kollha li hija miftuħa għall-bnedmin kollha, għax għalihom Kristu xerred demmu bħala prezz tal-fidwa.

It-talba fuq l-Offerti (*Super oblata*) msemmija fis-sagramentarju Ġelasjan tas-Seklu VIII u fis-sagramentarji Gregorjani. Aktarx li f'din it-talba jissemmew l-offerti jew is-sagrifiċċju ewkaristiku u s-saċerdot jitlob li jiswa għas-saħħa spiritwali, biex ifiequ mill-vizzji tagħhom, jiksbu l-maħfra ta' dnubiethom u jiġbdu fuqhom il-barkiet tal-ħniena t'Alla. Is-saċerdot f'isem kulħadd jitlob 'l Alla biex ibierek u jilqa' l-offerta ta' l-insara.

Hija talba importanti li sservi bħala għeluq tar-rit tat-tħejjija ta' l-offerti u twassal għat-talba ewkaristika. Il-poplu jismagħha bil-wieqfa u għaliha jwieġeb *"Amen"*.

## 27. It-talba Ewkaristika (Preċi)

It-talba Ewkaristika hija ċ-ċentru u l-quċċata taċ-ċelebrazzjoni kollha; hija t-talba ta' radd il-ħajr u tal-konsagrazzjoni. Permezz tagħha l-ġemgħa ta' l-insara tissieħeb ma' Kristu sabiex ixxandar l-għemejjel kbar ta' Alla u biex toffri s-sagrifiċċju. L-insara joffru l-Vittma Divina minn idejn is-saċerdot, iżda wkoll flimkien mas-saċerdot jitgħallmu joffru lilhom infushom lil Alla.

F'din il-parti taċ-ċelebrazzjoni liturġika jitwettaq il-misteru mqaddes ta' l-Ewkaristija, is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa. Dwaru il-

Konċilju Vatikan II igħidilna: "Is-Salvatur tagħna fl-aħħar ċena, fil-lejl li fih kien ittradut, waqqaf is-Sagrifiċċju Ewkaristiku tal-Ġisem u d-Demm tiegħu li bih is-Sagrifiċċju tas-Salib jibqa' jiġġedded tul iż-żminijiet sal-miġja tiegħu, u b'hekk iħalli lill-Knisja, l-għarusa maħbuba tiegħu, it-tifkira tal-mewt u tal-qawmien tiegħu mill-mewt" (Sacrosanctum Concilium n. 47).

It-talba Ewkaristika hija att tal-ministeru saċerdotali. Igħidha s-saċerdot għaliex hu jippresiedi l-ġemgħa f'isem Kristu. Huwa l-interpretu kemm tal-leħen t'Alla li jkellem lill-poplu tiegħu, kif ukoll tal-leħen tal-poplu li jitlob lil Alla. Għal din ir-raġuni t-Talba Ewkaristika jgħidha s-saċerdot waħdu, filwaqt li l-insara miġburin għaċ-ċelebrazzjoni liturġika jisimgħu fis-skiet u jieħdu sehem fl-akklamazzjoniijiet (*Qaddis, Qaddis, Qaddis... Inħabbru l-mewt tiegħek Mulej... eċċ*.).

Barra mit-tliet talbiet Ewkaristiċi għall-Quddiesa tat-Tfal, li kienu ġew approvati fl-1976, il-Missal Ruman fih Erba' Talbiet Ewkaristiċi għall-Quddiesa tal-Ħdud u l-ġranet l-oħra (ara żieda A). Minnhom is-saċerdot jagħżel waħda li tkun taqbel, kemm għaċ-ċirkustanzi li fihom tkun qiegħda ssir iċ-ċelebrazzjoni liturġika, kif ukoll għall-mentalità ta' dawk li jieħdu sehem fiha.

Kull waħda mit-talbiet Ewkaristiċi fiha dawn l-elementi li ġejjin:

(a) Ir-Radd il-Ħajr, imfisser l-aktar fil-Prefazju.

(b) L-akklamazzjoni (Qaddis, Qaddis Qaddis....).

(c) L-*Epiklesi* (talba biex Alla jqaddes l-offerti).

(d) Ir-Rakkont tat-twaqqif tas-Sagrifiċċju u l-Konsagrazzjoni.

(e) L-*Anamnesi,* jiġifieri t-tifkira tal-Passjoni u l-Qawmien ta' Kristu.

(f) L-offerta tal-Vittma u tagħna nfusna.

(g) L-Interċessjonijiet għall-membri tal-Knisja ħajjin u mejtin.

(h) Id-*Dossoloġija* jew tifħir lil Alla.

## 28. Il-Prefazju



Is-saċerdot jibda t-Talba Ewkaristika b'idejh miftuħa biex juri li huwa qiegħed ikellem jew jiddjaloga mal-poplu, u jgħid: *"Il-Mulej magħkom."* Imbagħad is-saċerdot ikompli jgħid: *"Nerfgħu qlubna 'l fuq"*, b'idejh merfugħa li huwa ġest li jfakkarna f'Alla u fil-ħwejjeġ tas-Sema. Fl-aħħar iżid: *"Niżżuħajr lill-Mulej Alla tagħna"*, b'idejh miftuħa. Il-poplu jwieġeb: *"Hekk sewwa u xieraq"* u s-saċerdot jgħid il-prefazju. Fit-tmiem tiegħu s-saċerdot jgħaqqad idejh ma' xulxin u flimkien mal-ministri u l-poplu kollu, ikanta jew jgħid b'leħen ċar: *"Qaddis, Qaddis, Qaddis..."* (O.G.M.R. -108).

Kristu fl-aħħar ċena waqqaf l-Ewkaristija, wara li radd il-ħajr. Is-saċerdot, fil-prefazju bħal Kristu jrodd ħajr lil Alla. Skond it-tagħlim tal-fidi l-ħajja tagħna nisranija għandha tkun fuq kollox ħajja ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla. F'isem il-poplu qaddis, is-saċerdot isebbaħ lil Alla l-Missier u jiżżiħajr għall-opra tas-salvazzjoni kollha kemm hi, jew xi aspett partikulari skond il-ħsieb tal-Liturġija tal-ġurnata jew tal-Festa jew taż-żmien li jaħbat (O.G.M.R. - 55a).

Din it-talba ta' qabel is-*Sanctus* tissejjaħ *"Prefazju"* għaliex hija bħal daħla jew il-parti tal-bidu tat-Talba Ewkaristika. Skond l-użu tal-Liturġija antika, prefazju jfisser ukoll talba solenni magħmula lil Alla quddiem ġemgħa ta' nies.

Sa mill-ewwel sekli ta' l-istorja tal-Knisja nsibu ħjiel tal-prefazju. Difatti San Ċiprijanu (De Orat. Dom, c. 31) ħalla miktub: "Ħuti għeżież, meta nqumu għall-orazzjoni għandna noqogħdu attenti u nitħeġġu għat-talb b'qalbna kollha.... Difatti s-saċerdot, qabel it-talb tal-prefazju, li huwa bħala daħla, iħejji r-ruħ ta' l-aħwa billi jgħid *'Nerfgħu qlubna 'l fuq'* u meta l-poplu jwieġeb *'Nerfgħuhom lejn il-Mulej'*, huwa mwissi li ma għandux jaħseb f'xejn iżjed ħlief fil-Mulej."

## 29. L-Akklamazzjoni

Wara l-prefazju li jingħad mis-saċerdot, il-ġemgħa kollha tingħaqad mal-qtajja tas-Sema u tfaħħar 'l Alla, *"Qaddis, Qaddis, Qaddis."* Din l-akklamazzjoni li hi parti mill-istess Talba Ewkaristika, igħidha jew ikantaha l-poplu kollu flimkien mas-saċerdot. (O.G.M.R. - 55b).

Din l-akklamazzjoni mill-Grieg tissejjaħ *Epinicio,* bħala quċċata u tmiem glorjuż tal-Prefazju; mil-Latin xi drabi tissejjaħ "trisaġju anġeliku", jiġifieri t-tifħir ta' l-anġli, ripetut għal tliet darbiet, u iktar spiss tissejjaħ *"Sanctus",* mill-ewwel kelma "Qaddis".

Is-*Sanctus* ġie mdaħħal fil-Liturġija tal-Quddiesa fil-belt ta' Alessandrija f'nofs ir-raba' seklu u jinsab fit-talba ewkaristika ta' Sarapion ta' madwar is-sena 350. Aktarx li f'Ruma ġie mdaħħal fil-kanoni bejn is-snin 417 u 432. Il-*Liber Pontificalis* igħidilna li s-*Sanctus* huwa għajn tal-poplu, it-tweġiba ta' l-insara wara li jkunu semgħu dwar l-għemejjel kbar ta' Alla f'opra tal-fidwa, li jkunu ġew imxandra fil-prefazju.

L-ewwel kelmiet tas-*Sanctus* huma meħudin mill-ktieb tal-Profeta Iżaija (6,3); il-kelmiet l-oħra *"Imbierek min ġej f'isem il-Mulej"* huma l-għanja tal-poplu li laqa' bil-frieġħi tal-palm u taż-żebbuġ lil Kristu, riekeb fuq felu, fid-daħla trijonfali tiegħu f'Ġerusalem, kif insibu fl-Evanġelju. (Matt. 21, 9; Mk. 11,10).

## 30. L-Epiklesi

Il-Knisja b'talba speċjali ssejjaħ il-qawwa divina sabiex l-offerti mogħtija mill-bnedmin jiġu kkonsagrati, billi jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, u sabiex ukoll il-vittma bla tebgħa, li tingħata lilna fit-Tqarbin, twassal għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jitqarbnu.

Il-kelma *"epiklesi"*, li biha tissejjaħ din it-talba, ġejja mill-grieg u tfisser it-talba jew karba ħerqana ta' xi ħadd li jkun f'xi ħtieġa kbira, u jitlob l-għajnuna ta' xi ħadd ieħor aktar setgħani minnu. Fil-Quddiesa s-saċerdot jinvoka l-Ispirtu s-Santu biex bil-qawwa tiegħu l-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, li huwa s-saċerdot ewlieni u l-vittma ta' dan is-sagrifiċċju ta' l-artal.

F'xi ħin waqt din it-talba s-saċerdot iżomm idejh miftuħa fuq il-kalċi u l-ostja. Dan il-ġest jitwettaq fil-Knisja Universali mir-riforma liturġika tal-Papa San Piju Ħamsa, filwaqt li l-awturi antiki jsemmu li s-saċerdot f'dan il-mument tal-Quddiesa kien jagħmel inkin profond, jiġifieri jbaxxi rasu lejn l-artal. Din iċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' l-idejn tixbah lil dik li Mosè f'isem Alla

kien ordna li jagħmlu s-saċerdoti li jkunu ser joffru l-vittmi tas-sagrifiċċju. "Iqiegħed idu fuq ras il-vittma, u tkunu milqugħa b'maħfra għalih" (Levitiku 1, 4).

It-tqegħid ta' l-idejn huwa meqjus ukoll bħala rit ta' benedizzjoni jew tberik u jfisser li aħna għandna sehem f'dik il-barka. Dan il-ġest iħabbar li l-konsagrazzjoni ewkaristika hija fil-qrib.



# IL-ĦAMES TAQSIMA

## IR-RAKKONT TAT-TWAQQIF TA' L-EWKARISTIJA

Permezz tal-kelmiet u tal-ġesti ta' Kristu, tiġi rappreżentata l-aħħar ċena li fiha l-Mulej Ġesù waqqaf is-sagrifiċċju u s-Sagrament tal-Passjoni u tal-Qawmien tiegħu, meta taħt ix-xbihat tal-ħobż u ta' l-inbid ta lill-Appostli Ġismu mogħti b'sagrifiċċju għall-bnedmin u Demmu li kellu jiġi mxerred għall-maħfra tad-dnubiet, sabiex dan ikun l-ikel u x-xorb tagħhom, u ordnalhom li jkomplu jwettqu dan il-misteru.

Il-kelmiet tal-missal ma humiex meħudin kelma b'kelma mill-Evanġelju, iżda jiġbru t-test tas-Sinottiċi (Mattew, Mark, Luqa) flimkien ma' dak ta' l-Appostlu San Pawl, fl-ewwel Ittra lill-Korintin.

Is-saċerdot dawn il-kelmiet tal-konsagrazzjoni jgħidhom fil-persuna ta' Kristu u japplikahom għall-ħobż u l-inbid li jkollu preżenti quddiemu (S. Theol III, 78 a 5).

### 31. Il-Konsagrazzjoni

Bil-kelmiet qaddisa: *"Dan hu ġismi"*, *"Dan hu l-kalċi ta' demmi"* il-ħobż u l-inbid fuq l-artal jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Jibqa' biss ix-xbihat tal-ħobż u ta' l-inbid, iżda r-realtà li hemm taħt dawk ix-xbihat tinbidel. Dak li hemm preżenti taħt dawn ix-xbihat mhux iżjed ħobż u inbid, iżda huwa Kristu bil-ġisem u d-demm tiegħu. Din il-bidla ta' l-għaġeb il-Knisja ssejħilha *"Transustanzazzjoni"*.

Sa mis-seklu XIII (tlettax) ġie mdaħħal fil-Quddiesa, wara l-kelmiet tal-Konsagrazzjoni, ir-rit ta' l-elevazzjoni ta' l-Ostja u



tal-Kalċi. Is-saċerdot jerfa' l-ostja kkonsagrata, juriha lill-poplu, imbagħad jerġa' jqegħidha fuq il-patena, u jinżel għarkubbtejh jaduraha. Hekk ukoll, wara l-konsagrazzjoni ta' l-inbid, juri l-kalċi bid-Demm Imqaddes lill-poplu, imbagħad iqiegħdu fuq il-korporal u jinżel għarkubbtejh jadurah.

Fl-aħħarnett, is-saċerdot igħid *"Dan hu l-misteru tal-fidi"* u l-poplu jwieġeb b'waħda mill-akklamazzjonijiet bħal ma hija *"Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej..."*. L-Ewkaristija hija tabilħaqq il-misteru tal-fidi għaliex tiġbor fiha l-pjan kollu tas-salvazzjoni, imfassal minn Alla fl-imħabba nfinita tiegħu għalina l-bnedmin, u mwettqa minn Ibnu, Ġesù Kristu Sidna, bil-mewt u l-qawmien tiegħu.

F'dan il-ħin tajjeb li niftakru fit-talba li għamel lil Kristu missier dak it-tifel imbikkem maħkum mix-xitan, kif insibu fl-

Evanġelju: "Jiena nemmen! Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!" (Mark 9, 24) u nirrepetu f'qalbna din it-talba.

## 32. L-Anamnesi

Il-Knisja, filwaqt li twettaq il-kmand li taha Kristu permezz ta' l-Appostli, tiċċelebra t-tifkira tal-Mulej Ġesù billi ġġibilna quddiem għajnejna l-Misteru ta' l-Għid ta' Kristu, jiġifieri l-passjoni, il-mewt, il-qawmien glorjuż tiegħu u t-tlugħ fis-sema.

L-Ikla ta' l-Għid li l-Lhud kienu jiċċelebraw ta' kull sena b'festa kbira u li Kristu ried jagħmel ma' l-Appostli tiegħu f'Ħamis ix-Xirka, kienet tifkira ħajja ta' meta Alla ħeles lill-poplu magħżul tiegħu mill-jasar ta' l-Eġittu.

Meta ninġabru għall-Quddiesa, aħna nirrepetu b'tifkira dak li għamel Kristu fil-lejl ta' qabel ma miet, fl-aħħar ikla mal-maħbubin tiegħu. Ġesù newlilhom Ġismu mogħti b'sagrifiċċju u Demmu li kellu jixxerred għalihom. Ħallielhom ukoll il-kmand jew ordni tiegħu: *"Agħmlu dan b'tifkira tiegħi"*.

Din iċ-ċelebrazzjoni li nagħmlu aħna, hija marbuta mas-Sagrifiċċju li Kristu wettaq darba għal dejjem fuq il-Kalvarju. Hija t-tifkira u t-tiġdid ta' l-istess sagrifiċċju, li l-Knisja tibqa' ttenni sa l-aħħar taż-żminijiet meta Kristu jerġa' jiġi fil-glorja tiegħu. Għalhekk San Pawl iwissina: *"Kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi"* (1 Kor. 11, 26).

## 33. L-Offerta tas-Sagrifiċċju

Il-membri tal-Knisja, speċjalment dawk li jkunu miġburin flimkien għas-sagrifiċċju tal-Quddiesa, joffru lill-Missier Alla, fl-Ispirtu s-Santu, il-Vittma bla tebgħa li huwa Kristu. Il-Knisja tixtieq li flimkien ma' din il-vittma, l-insara jitgħallmu joffru wkoll lilhom infushom u permezz ta' Kristu jitwettqu dejjem iżjed fil-



għaqda ma' Kristu u bejniethom, sabiex fl-aħħar Alla jkun kollox f'kulħadd.

Il-Quddiesa hija l-istess sagrifiċċju tal-Kalvarju. Kemm fuq is-salib kif ukoll fuq l-artal, Kristu huwa l-vittma u s-saċerdot ewlieni. Iżda meta kien merfugħ fuq is-salib bejn l-art u s-sema, Kristu kien waħdu u qisu miċħud mill-bnedmin. Fil-Quddiesa aħna noffru flimkien miegħu s-sagrifiċċju u nħossuna magħqudin ħaġa waħda ma' l-offerta ta' Kristu, għax aħna membri tal-Ġisem Mistiku tiegħu li hija l-Knisja.

L-offerta ta' Kristu, għalhekk, tiġbor fiha wkoll l-offerta tagħna żgħira kemm hija żgħira. Hu offra lilu nnifsu, iżda aħna magħqudin miegħu mhux biss fil-ħsieb u x-xewqa li nagħtu qima lil Alla b'dan is-sagrifiċċju, iżda wkoll billi mal-vittma divina

ngħaqqdu l-offerta tagħna nfusna. Ma nistgħux nibqgħu nħarsu biss b'indifferenza kif għamlu s-suldati fuq il-Kalvarju. Bħala membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, aħna noffru s-Sagrifiċċju flimkien miegħu u permezz tiegħu.

## 34. L-Interċessjonijiet

B'dawn it-talbiet li jagħmel iċ-ċelebrant, jidher ċar li l-Ewkaristija hija ċċelebrata f'xirka mal-Knisja kollha, dik tas-Sema u dik ta' l-art, kif ukoll li s-sagrifiċċju jiġi offrut għaliha u għall-membri tagħha kollha ħajjin u mejtin, li ġew imsejħa biex ikollhom sehem fil-fidwa li nkisbet bil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.

F'għaqda mal-qaddisin tal-Ġenna, il-Knisja titlob għall-membri tagħha mxerrdin mad-dinja. Waqt li tneħħi kull limiti ta' spazju jew żmien, din it-talba tħaddan fiha wkoll lil dawk li diġà mietu u ltaqgħu mal-Mulej.

Fl-interċessjonijiet huma mfakkrin ukoll il-Papa, l-Isqof, l-Isqfijiet tad-dinja, dawk li jieħdu sehem fil-ministeru u fl-apostolat għall-ġid tal-Knisja. Inkunu fejn inkunu, meta nieħdu sehem fil-Quddiesa għandna nħossuna magħqudin f'rabta spiritwali ma' dawk li mietu qabilna u mal-bnedmin ħajjin kollha, filwaqt li nduqu minn qabel xi ftit mill-hena li jgawdu l-qaddisin fil-Ġenna.

Dan il-ħsieb li jiġbor fih l-umanità kollha, kienu jehdew bih anke l-insara ta' l-ewwel żminijiet, kif jidher minn xi bċejjeċ ta' l-anfora ta' San Mark tar-raba' seklu. "Agħti l-paċi lill-erwieħ ta' dawk li mietu, ftakar f'dawk li qegħdin nagħmlu t-tifkira tagħhom illum, ftakar f'dawk li nafu ismijiethom u f'dawk li ma nafuhomx, ħares il-missirijiet fidili tagħna u l-Isqfijiet kullimkien, u agħmel li aħna wkoll ikollna sehem mix-xorti tal-profeti, ta' l-appostli u tal-martri qaddisa tiegħek."

## 35. Id-Dossoloġija finali

Din tikkonsisti fit-tifħir li jingħata lil Alla wieħed fi tliet Persuni u tintemm bl-akklamazzjoni tal-poplu. Is-saċerdot jieħu f'idu l-waħda l-patena bl-ostja u f'oħra l-kalċi, u waqt li jgħollihom it-tnejn igħid: *"Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu, jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, kull ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem."* Il-poplu jwieġeb: *"Amen".*



Il-moħħ u l-qalb tagħna huma mistiedna biex jikkontemplaw il-misteru ta' Kristu u tat-Trinità Qaddisa. Waqt li nieħdu sehem fl-offerta u fis-sagrifiċċju ta' Kristu, naħsbu wkoll fil-misteru kbir li għarrafna Huwa stess u nagħtu ġieħ minn qalbna lill-Missier, lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

L-elevazzjoni ż-żgħira ta' l-ostja u tal-kalċi, jiġifieri l-ġest li bih is-saċerdot igħolli l-patena bl-ispeċi ewkaristiċi, waqt li jgħid: *"Bi Kristu..."* hija tifkira tar-rit antik ta' l-adorazzjoni ta' l-Ewkaristija li kienet issir f'dan il-ħin. Din l-elevazzjoni hija bil-wisq eqdem mill-ewwel elevazzjoni, li tissejjaħ ukoll elevazzjoni kbira, li ssir immedjatament wara l-konsagrazzjoni u li ġiet imdaħħla fil-Quddiesa fis-seklu tlettax bħala tweġiba u tpattija għal xi eretiċi li ċaħdu l-preżenza ta' Kristu fl-Ewkaristija.

Bil-kelma *"Amen"* li jwieġeb il-poplu bħala konferma tat-talbiet li jsiru fiha, tintemm it-Talba Ewkaristika.

Din il-kelma lhudija (ebrajka) u skond il-kotba tar-Rabta l-Qadima, il-poplu ta' Alla kien jinqeda biha biex jikkonferma wegħda jew patt, u bħala sinjal ta' approvazzjoni fil-liturġija tiegħu. F'dan il-ħin tal-Quddiesa, l-*Amen* tal-poplu tfisser il-kunsens u l-approvazzjoni tiegħu għas-sagrifiċċju li jkun qed jiġi offrut lil Alla. Kif jikkummenta San Ġustinu (madwar is-sena 150 w.K.) l-insara li jieħdu sehem fil-Quddiesa, permezz ta' l-*Amen* li jgħidu, jikkonfermaw u jagħmlu tagħhom l-azzjoni ewkaristika li jwettaq is-saċerdot.

Huwa xieraq li l-insara jgħidu din l-*Amen* b'ferħ kbir u b'entużjażmu. San Ġilormu jwissi li din l-akklamazzjoni tal-poplu għandha tinstema' tidwi bħal ħoss ta' ragħda. Il-Papa Piju XII, fl-Enċiklika *"Mediator Dei"* jinsisti li l-insara fl-akklamazzjoni magħqudin bir-rieda tagħhom mas-Saċerdot il-Kbir u mal-ministru tiegħu, "m'għandhomx jinsew li flimkien ma' Kristu msallab, joffru lilhom infushom, ħsibijiethom, in-niket, id-dwejjaq, il-hemm u l-ħtiġijiet tagħhom" (56).

# IS-SITT TAQSIMA

## IR-RIT TAT-TQARBIN

"Iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika hija l-Ikla tal-Għid tal-Mulej. Għalhekk il-fidili mhejjija tajjeb ikunilhom ta' ġid jekk, skond il-kmandament tal-Mulej, jersqu jirċievu l-Ġisem u d-Demm tiegħu b'ikel spiritwali tagħhom. Hu għalhekk li jsir il-qsim tal-ħobż u r-riti l-oħra tat-tħejjija li bihom il-fidili jitressqu għat-Tqarbin" (O.G.M.R. - 56).

Fil-lejl qabel ma miet, is-Sinjur tagħna Ġesù kiel il-ħaruf tal-Għid flimkien mad-dixxipli tiegħu bħala ikla ta' sagrifiċċju. Skond it-tradizzjoni lhudija, l-ikla tal-ħaruf li joffru lil Alla kienet simbolu ta' għaqda ma' Alla u ma' dawk kollha li jkunu jieklu flimkien. Hekk ukoll, bl-istess mod, għandna nifhmu t-Tqarbin Imqaddes. Aħna nieklu l-ħaruf tal-Għid tagħna li hu maqtul (1 Kor 5,7) jiġifieri nieħdu l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, u b'din l-ikla aħna nkunu nfissru l-għaqda tagħna mhux biss ma' Alla f'Ġesù Kristu, imma wkoll ma' dawk kollha li jitqarbnu magħna. (Missal għall-Ħdud, daħla, paġna 6).

Ir-riti li jsieħbu t-Tqarbin u li jservu bħala tħejjija għalih huma: il-Missierna, l-emboliżmu, ir-rit tal-paċi, il-qsim tal-ħobż, il-Ħaruf t'Alla, it-tħejjija privata tas-saċerdot, *"Dan hu l-Ħaruf t'Alla"*, it-Tqarbin, it-Talba ta' wara t-Tqarbin.

### 36. It-Talba tal-Mulej (il-Missierna)

Wara d-dossoloġija, is-saċerdot igħaqqad idejh ma' xulxin u jgħid it-twissija ta' qabel il-*Missierna* , imbagħad jiftaħ idejh u flimkien mal-poplu igħid il-Missierna (O.G.M.R. - 110).

Fiha nitolbu lil Alla sabiex jagħtina l-ħobż ta' kuljum, li lill-insara jfakkarhom fil-Ħobż Ewkaristiku, kif ukoll biex jaħfrilna

dnubietna, ħalli l-ħwejjeġ qaddisa nirċevuhom tassew bil-qdusija. Is-saċerdot jistieden lill-fidili għal din it-talba u lkoll igħiduha flimkien miegħu; imbagħad hu waħdu, iżid l-emboliżmu li l-poplu jagħlaq bid-dossoloġija (O.G.M.R. - 56a).



Il-*Missierna* li tingħad bħala tħejjija għat-tqarbin hija t-talba li għallimna Sidna Ġesù Kristu nnifsu, kif tinsab fl-Evanġelju ta' San Mattew (6, 9-13). Fi żminijiet bikrin tal-Knisja kienet meqjusa bħala oġġett sagru u prezzjuż, u l-insara kienu jħarsuha bħala sigriet qaddis. Ma kienitx tiġi reċitata b'leħen għoli u lanqas kienet tiġi miktuba sabiex ma jkunx hemm il-periklu li jgħidha xi ħadd li jkun għadu mhux imgħammed. L-anqas dawk

li kienu jħejju ruħhom għall-Magħmudija ma kienu mħollijin igħiduha, qabel jirċievu dak is-Sagrament.

Hija orazzjoni fundamentali għall-insara. Fiha nsibu mhux biss xempju kif għandna nitolbu, iżda wkoll kif għandna ngħixu. Min jifhem sewwa l-*Missierna,* jifhem ukoll il-messaġġ ta' Kristu, għaliex hija ġabra fil-qosor ta' l-Evanġelju. Hija turina liema għandhom ikunu r-relazzjonijiet bejnietna u ma' Alla, skond it-tagħlim ġdid ta' Kristu; jiġifieri fiha jidher id-dmir li nħobbu 'l Alla bħala Missier tagħna u lill-bnedmin kollha bħala ħutna. Min igħid bis-serjetà l-*Missierna,* jimpenja ruħu li jgħix skond it-tagħlim ta' l-Evanġelju. Mhux għaġeb, għalhekk, li kważi s-Santi Padri kollha għamlu kummenti fuq il-*Missierna,* fissruha lill-insara u nqdew biha sabiex jagħtu katekesi lill-bnedmin ta' żmienhom.

Skond Sant'Wistin (Sermo 17, 5, 5 - P.L. 38, 127) il-*Missierna* hija bħala purifikazzjoni jew tisfija spiritwali li jagħmlu l-insara, qabel ma jirċievu s-Sagrament Imqaddes, peress li fiha jingħadu l-kelmiet: *"Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina".*

Wisq probabbli li kien San Girgor il-Kbir li ordna li l-*Pater Noster* jingħad wara t-Talba Ewkaristika, sabiex biha nfaħħru u nbierku lil Alla bl-istess kliem ta' Kristu, fil-preżenza tal-Ġisem u d-Demm għażiz tiegħu (P.L. 77, 956).

## 37. L-Emboliżmu

Wara l-*Missierna,* is-saċerdot jibqa' b'idejh miftuħa u waħdu jgħid l-emboliżmu: *"Eħlisna nitolbuk, Mulej..."* li l-poplu jwieġeb għalih bid-dossoloġija jew akklamazzjoni: *"Għax tiegħek hi s-saltna...".*

L-emboliżmu hi t-talba li tfisser aktar fit-tul t-talba tal-*Missierna* u fiha s-saċerdot jitlob li l-ġemgħa kollha tal-fidili tkun

meħlusa mis-setgħa tal-ħażin. L-istedina għat-talba tal-*Missierna*, it-talba stess, l-emboliżmu u d-dossoloġija tal-għeluq jistgħu jitkantaw jew jingħadu b'leħen ċar (O.G.M.R. - 56a).

Fiż-żminijiet tan-nofs wara l-*Missierna* kienu jiġu miżjudin xi talbiet għall-għajnuna ta' Alla, speċjalment meta l-insara kienu jkunu mhedda minn xi gwaj jew periklu. Fil-Liturġija ta' llum, bil-kelmiet ta' l-emboliżmu *"Eħlisna nitolbuk, Mulej,"* is-saċerdot ikompli jitlob li niġu meħlusin mill-ħażen tad-dnub u kull deni tar-ruħ u tal-ġisem, filwaqt li nistennew it-tieni miġja tal-Mulej fil-glorja tiegħu, u jagħtina s-sliem għal dejjem.

L-Ewkaristija li fiha nieħdu sehem bħala aħwa fi Kristu żżomm ħajja fina t-tama ta' dejjem u tfakkarna fl-eternità. L-emboliżmu għandu jqanqal lill-insara sabiex jixtiequ u jistennew is-saltna ta' Alla, li tinkiseb fil-milja tagħha fil-ħajja l-oħra. Imħeġġin minn din ix-xewqa, l-insara jxandru l-qawwa u l-glorja t'Alla fid-dossoloġija, li hija ġejja minn tradizzjoni antika u għadha tingħad mhux biss fil-liturġija tagħna iżda wkoll fil-liturġiji orjentali u fis-servizzi liturġiċi tal-knejjes tar-riforma.

Fl-emboliżmu jidher ċar il-kuntrast bejn id-deni u l-ħażen min-naħa l-waħda u l-hena u l-paċi min-naħa l-oħra. Bħala fejqan għall-ħazen ta' kull għamla, ta' l-imgħoddi, ta' issa u ta' li ġej, nitolbu li jkollna l-paċi. Iżda qabel xejn nitolbu li nkunu meħlusa minn kull ħtija, għaliex il-paċi esterna u l-ħelsien mill-hemm jiddependu mill-paċi interjuri, li hija l-ħelsien mid-dnub u l- ħbiberija ma' Alla.

## 38. Ir-Rit tal-Paċi

F'dan it-rit nitolbu lil Alla biex jagħti s-sliem u l-għaqda lill-Knisja u lill-familja kollha tal-bnedmin. Fih ukoll l-insara jagħtu lil xulxin sinjal ta' l-imħabba ta' bejniethom qabel ma jersqu biex jieħdu sehem flimkien minn ħobża waħda (O.G.M.R. - 56b).

Is-saċerdot b'leħen ċar igħid it-talba *"Mulej Ġesù Kristu, li għidt ..."* u kif jispiċċa, jiftaħ u jagħlaq idejh waqt li jxandar il-paċi u jgħid: *"Il-paċi tal-Mulej tkun dejjem magħkom"*, u l-poplu jwieġeb *"U miegħek ukoll"*. Wara dan is-saċerdot iżid *"Agħtu l-paċi lil xulxin"* u l-fidili kollha jagħtu sinjal ta' paċi u mħabba lil xulxin, skond id-drawwa wżata fil-pajjiż. Is-saċerdot jista' jagħti l-paċi lill-ministri (O.G.M.R. - 112).



It-talba li jgħid is-saċerdot tfakkarna li Kristu, awl il-lejl qabel ma miet, fuq kollox talab għall-paċi u għall-għaqda fost dawk kollha li jemmnu fih u għal dan il-għan ukoll ħallielna dan is-Sagrament. L-ikbar espressjoni tal-għaqda tagħna fi Kristu hija t-tqarbina minn ħobża waħda u minn kalċi wieħed, iżda biex nitħejjew kif imiss għal din it-tqarbina jeħtieġ li nkunu fil-grazzja ta' Alla, jiġifieri fil-paċi ma' Kristu; u ma jkollniex mibgħeda għall-oħrajn, jiġifieri ngħixu fil-paċi wkoll mal-proxxmu tagħna.

Il-ġest tal-paċi ma jfisser xejn jekk l-insara, wara li jkunu talbu l-maħfra tal-Missier, ma jkunux lesti li jaħfru huma wkoll lil

min għamlilhom id-deni (Matt 5,23). Fil-qalba tal-messaġġ tal-morali nisranija hemm l-imħabba tal-proxxmu, u l-Ewkaristija hija s-sagrament li jfisser u jipproduċi din l-imħabba u l-għaqda fost l-insara. Biex il-ġest tal-paċi jkun sinċier, jeħtieġ li jkun imsieħeb max-xewqa u ma' l-impenn li wieħed jaħdem għall-ftehim u l-għaqda fost l-insara. Waqt li nagħtu l-paċi lil xulxin, nitolbu lil Alla li jagħmilna strumenti tal-paċi tiegħu biex ikollna sehem mill-beatitudni ta' Kristu: "Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla" (Matt 5,9).

Il-paċi u l-għaqda huma rigal li aħna nitolbu minn għand Alla għall-Knisja u għall-bnedmin; iżda huma wkoll impenn ta' l-insara kollha, għax kull wieħed minnhom għandu jħabrek sabiex madwaru u fid-dinja kollha ssaltan il-paċi ta' Kristu.

Permezz ta' dan ir-rit, l-Ewkaristija tidher wisq tajjeb bħala sinjal tal-għaqda u rabta tal-imħabba nisranija.

## 39. Il-Qsim tal-Ħobż

Is-saċerdot, wara li jikxef il-kalċi, jieħu l-ostja f'idejh, jaqsamha fuq il-patena, jixħet fil-kalċi biċċa żgħira minnha u igħid minn taħt l-ilsien: *"Il-Ġisem flimkien mad-Demm..."* Sadattant il-kor u l-poplu jkantaw jew jgħidu flimkien l-*"Ħaruf t'Alla"* (O.G.M.R. - 113)

Ir-rit ewkaristiku tal-qsim tal-ħobż ġej minn żmien l-Appostli fil-laqgħat tal-*Agapè*. Anzi din kienu jsejħulha "il-Qsim tal-Ħobż", għaliex Kristu fl-Aħħar Ċena qasam il-ħobż (Matt. 26,26; Mark 14, 22; Luqa 22, 19) u hekk ukoll għamel meta deher lid-dixxipli ta' Emmaus (Luqa 24, 30).

Fil-Quddiesa dan ir-rit isir sabiex is-saċerdot ikun jista' jitqarben, u fl-antik l-insara kienu jitqarbnu bil-biċċiet li jinqatgħu minn ostja waħda kbira. Iżda fir-rit hemm ukoll simboliżmu ċar.

Fir-Rabta l-Qadima (Ġenesi 15, 9; Ġeremija 34, 18; Eżodu 24, 4) insibu li l-vittmi tas-sagrifiċċju kienu jiġu maqsuma min-nofs. Dan il-qsim ta' l-ostja jfisser il-mewt ta' Kristu, il-vittma tas-sagrifiċċju tar-Rabta l-Ġdida.



It-tfiegħ ta' biċċa żgħira mill-ostja kkonsagrata fid-Demm Imqaddes ġiet interpretata minn xi teoloġi medjevali, fosthom Durandus, bħala simbolu tal-Qawmien ta' Kristu, meta r-ruħ u d-Demm tal-Mulej reġgħu ngħaqdu ma' Ġismu li kien fil-qabar, li mbagħad reġa' ħa l-ħajja u qam mill-mewt (S. Tumas, Summa Theol. III, 9. 83 ad. 3)

Il-qsim tal-ħobż ifisser ukoll li aħna, għalkemm aħna ħafna, insiru ġisem wieħed meta fit-tqarbin naqsmu bejnietna l-ħobża waħda tal-ħajja li hu Kristu. San Pawl, fl-ewwel ittra lill-Korintin (10, 16-17) kiteb: "Il-ħobż li naqsmu mhuwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hija waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda".

## 40. Il-Ħaruf t'Alla

Waqt dan ir-rit tal-qsim tal-ħobż u l-missjoni, il-grupp tal-kant jew il-kantur igħidu l-invokazzjoni *"Ħaruf t'Alla"* flimkien mal-poplu jwieġeb. Din l-invokazzjoni titkanta jew tingħad b'leħen għoli u tista' tibqa' tirrepeti ruħha kemm ikun hemm bżonn, sa ma jispiċċa r-rit tal-qsim tal-ħobż; fl-aħħar tagħlaq bil-kelmiet *"agħtina l-paċi"* (O.G.M.R. - 56e).

Skond il-***Liber Pontificalis*** (1. 376) kien il-Papa Serġju I (687 - 701) ta' nazzjonalità greko-sirijaka, li daħħal l-*Agnus Dei* fil-liturġija rumana. Dan il-kant x'aktarx li kellu l-bidu tiegħu fil-pajjiżi tal-Lvant. Għall-ewwel, il-kant kien jiġi ripetut ħafna drabi, iżda mis-seklu tnax (XII) sakemm bdiet isseħħ l-aħħar riforma liturġika, l-*Agnus Dei* kien jingħad dejjem tliet darbiet.

Il-kliem tal-*Ħaruf t'Alla*, li jsieħeb il-qsim tal-ħobż, ifakkarna fil-Ġisem issagrifikat ta' Kristu u fid-Demm tiegħu mxerred waqt il-Passjoni. Fih ukoll invokazzjoni lil Kristu, il-Ħaruf ta' l-Għid tal-Patt il-Ġdid, maqtul iżda rebbieħ, kif igħidilna San Ġwann fl-Apokalissi.

Hekk, waqt li l-qsim tal-ħobż jissimboleġġja l-waqt li fih ġie minfud il-Ġisem ta' Kristu fuq is-salib għall-fidwa tal-ġens tal-bnedmin, bil-kliem ta' l-*Agnus Dei* insejħu lil din il-Vittma Divina u Innoċenti sabiex tqassmilna l-frott ta' l-istess sagrifiċċju, billi tagħtina l-maħfra ta' dnubietna u l-paċi.

Fl-*Agnus Dei,* għandu jkun ċar il-ħsieb tas-sagrifiċċju, jiġifieri li Kristu sar vittma għal dnubietna. L-insara għandhom jiftakru li Kristu, il-Ħaruf bla tebgħa, qiegħed fostna u għalhekk jitolbu l-ħniena tiegħu.

## 41. It-tħejjija privata tas-saċerdot

Is-saċerdot iħejji ruħu b'talba waħdu minn taħt l-ilsien li fiha jitlob biex it-tqarbina tiegħu bil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu tkunlu ta' ġid. Jagħżel waħda miż-żewġ talbiet: *"Mulej, Ġesù`*

*Kristu, Bin Alla ħaj..."* jew *"Mulej, Ġesù Kristu nitolbok..."* Il-fidili jagħmlu bħalu u jitolbu fis-skiet (O.G.M.R. - 56f, 114).

Huma talbiet ta' devozzjoni privata u ġew imdaħħla fil-Quddiesa aktarx li wara s-seklu għaxra. Xi wħud jaħsbu li ġew miktubin minn Alcuino, qassis Ingliż għaref minn York, li miet fissena 804. Filwaqt li t-talbiet ta' qabel huma fil-plural, din it-talba tingħad fis-singular, għaliex tirreferixxi għas-saċerdot waħdu.

Hu importanti li min ikun ser jitqarben iħejji ruħu sewwa għall-Ikla Mqaddsa, kif iwissina l-Appostlu Missierna San Pawl fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin (11, 28-29): "Ħa jagħrbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi. Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel il-ġisem tal-Mulej minn ikel ieħor ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess".

Fuq l-eżempju taċ-ċelebrant, anke l-insara li jkunu ser jieħdu sehem bit-tqarbina tagħhom fis-Sagrifiċċju Mqaddes, għandhom iħejju ruħhom kif jixraq b'xi talba li jgħidu f'qalbhom u billi jaħsbu fuq Dak li jkunu ser jirċievu.

## 42. Stedina għall-mejda ta' Kristu



Wara t-talba privata ta' tħejjija, is-saċerdot jagħmel il-ġenuflessjoni, iqum, jieħu f'idejh l-Ostja, iżommha merfugħa kemm kemm 'il fuq b'idu l-leminija, bil-patena taħtha f'idu l-oħra, u b'wiċċu lejn il-poplu jgħid: *"Dan hu l-Ħaruf t'Alla. Dan hu li jneħħi d-dnubiet tad-dinja. Henjin dawk li huma mistiedna għall-Ikla tal-Ħaruf"* (O.G.M.R. - 115). Hekk, waqt li juri lill-fidili l-Ħobż Ewkaristiku li bih ikunu ser jitqarbnu, jistedinhom għall-mejda tal-Mulej u flimkien magħhom jagħmel att ta' fidi u ta' umilta': *"Mulej*

*ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda għid biss kelma waħda u r-ruħ tiegħi tkun imfejqa"* (O.G.M.R. - 56g).

Il-kliem li jingħad immedjatament qabel it-Tqarbin huwa meħud mill-Kotba Mqaddsa tar-Rabta l-Ġdida. Bl-istess kliem li jgħid is-saċerdot, San Ġwann Battista wera lil Kristu meta kien jitkellem mal-poplu fid-deżert: "Araw il-Ħaruf t'Alla, li jneħħi d-dnubiet tad-dinja" (Ġwann 1, 29). Fil-Ktieb ta' l-Apokalissi (19, 9) insibu t-tieni parti ta' l-istedina għat-tqarbin: "Hienja dawk li kienu mistiedna għall-mejda tat-tieġ tal-Ħaruf", li huwa Kristu. Dan ifakkarna li l-Ewkaristija twassal għall-ikla jew festa kbira fil-hena tas-Sema. It-talba li jagħmlu l-insara flimkien mas-saċerdot hija meħuda mill-kliem li qal iċ-Ċenturjun lil Ġesù, meta talbu biex ifejjaqlu lill-qaddej tiegħu: "Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi. Iżda għid biss kelma waħda u l-qaddej tiegħi jfieq" (Mattew 8, 8).

## 43. It-Tqarbin

Is-saċerdot waħdu, b'wiċċu lejn l-artal, igħid fis-skiet: *"Il-Ġisem ta' Kristu jħarisni għall-ħajja ta' dejjem"* u bil-qima kollha jitqarben bil-Ġisem ta' Kristu. Bl-istess mod, jieħu l-kalċi u jgħid: *"Id-Demm ta' Kristu jħarisni għall-ħajja ta' dejjem,"* u bil-qima kollha jixrob id-Demm ta' Kristu (O.G.M.R. - 116).

Imbagħad jieħu l-patena jew il-pissidi, jersaq lejn dawk li jkunu ser jitqarbnu u lil kull wieħed u waħda minnhom jurihom l-Ostja, kemm kemm merfugħa quddiemu u jgħid: *"Il-Ġisem ta' Kristu"*. Min ikun ser jitqarben iwieġeb *"Amen"* u jirċievi s-Sagrament (O.G.M.R. - 117).

Waqt it-tqarbin tas-saċerdot u tal-fidili isir il-kant, jew minn floku tingħad l-*Antifona tat-Tqarbin* li hemm fil-Missal. Iżda jixraq wisq iżjed li jsir kant f'dan il-ħin, għaliex b'hekk jidher aħjar li t-tqarbin huwa rit ta' festa. Ġesù nnifsu flimkien ma' l-Appostli tiegħu kantaw fl-aħħar ċena, u din id-drawwa nżammet mill-

 

insara tal-qedem. Dan il-kant tal-fidili waqt it-tqarbin tagħhom ifisser ukoll li bħalma huma magħquda leħen wieħed flimkien, hekk ukoll huma ruħ waħda bejniethom u li b'qalbhom ferħana qegħdin iħossu iżjed li huma lkoll aħwa resqin flimkien biex jirċievu l-Ġisem ta' Kristu (O.G.M.R. - 56i). Barra minn hekk, sabiex l-insara jersqu lejn l-artal għat-tqarbin bl-ordni u bil-qima, jeħtieġ li tiġi fformata bħal purċissjoni u kull purċissjoni hija msieħba bil-kant.

Il-Knisja tixtieq ħafna li l-fidili jitqarbnu bl-ostji kkonsagrati fl-istess Quddiesa, ħalli jidher aħjar is-sinjal li t-tqarbina hija sehem mill-istess sagrifiċċju li jkun qed jiġi ċċelebrat (O.G.M.R. - 56h). Din ix-xewqa tal-Knisja hija mfissra b'mod ċar mill-Papa Piju XII, fl-enċiklika ***"Mediator Dei":*** "Hu tajjeb li l-poplu jersaq jitqarben wara li jkun tqarben is-saċerdot, u ta' min ifaħħar lil dawk li meta jkunu għall-Quddiesa jitqarbnu bl-ostji kkonsagrati fl-istess sagrifiċċju; b'dan il-mod iseħħu tabilħaqq il-kelmiet: "biex aħna lkoll, li nieħdu sehmna mill-artal u nitqarbnu bil-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Ibnek, nimtew b'kull barka u grazzja tas-Sema".

## 44. It-Talba ta' wara t-Tqarbin

Wara li jitqarben kulħadd, is-saċerdot, jekk jibqa' xi frak ta' l-Ostja, jiġbru, jippurifika l-patena jew il-pissidi fuq il-kalċi, u mbagħad jippurifika l-istess kalċi u jixxottah bil-purifikatur (O.G.M.R. - 122).

F'dan il-ħin is-saċerdot jitlob lil Alla biex ixerred fuq kulħadd il-ġid tal-misteru ċċelebrat.



# IS-SEBA' TAQSIMA

## IR-RIT TA' L-GĦELUQ

Ir-rit ta' l-għeluq jitqassam hekk:

(1) it-tislima u l-barka tas-saċerdot; f'xi ġranet u okkażjonijiet partikulari, il-barka tingħata skond formula aktar solenni, jew qabilha tingħad talba għall-poplu;

(2) il-*"mandatum"*, jiġifieri d-djaknu jew is-saċerdot stess, jekk ma jkunx hemm djaknu, jibgħat lil kulħadd fis-sliem, biex il-fidili joħorgu u jingħataw għall-ħidma tajba tagħhom u jfaħħru u jbierku lill-Mulej (O.G.M.R. - 57).

### 45. It-Tislima u l-Barka tas-Saċerdot

Filwaqt li jiftaħ idejh, is-saċerdot isellem lill-poplu u jgħid: *"Il-Mulej magħkom"* u l-poplu jwieġeb: *"U miegħek ukoll"*. Minnufih, is-saċerdot iżid: *"Iberikkom Alla li jista' kollox..."* irodd is-salib fuq il-poplu u dan iwieġeb: *"Amen"* (O.G.M.R. - 124).

Waqt il-benedizzjoni s-saċerdot jerfa' idejh 'il fuq biex juri li huwa, f'isem il-Knisja, sejjer jitlob mingħand Alla l-milja tal-barka tas-Sema fuq l-insara li jkunu madwaru. Imbagħad irodd fuqhom is-salib biex juri li s-sagrifiċċju tal-Kalvarju mwettaq fuq is-salib huwa l-għajn ta' kull grazzja u ta' kull barka.

Is-sinjal tas-salib li bih tinbeda ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, jimmarka wkoll it-tmiem tagħha. B'dan il-mod nifhmu aħjar li ċ-ċelebrazzjoni kollha hija taħt il-ħarsien tat-Trinità Qaddisa, li minnHa jiddependi fuq kollox it-twettiq tal-pjan tas-salvazzjoni matul l-istorja.



Din il-benedizzjoni tfakkarna f'dik li Kristu ta lil Ommu Marija u lid-dixxipli qabel ma ħalla d-dinja u tela' fis-smewwiet. "Ħadhom sa ħdejn Betanja u refa' idejh u berikom. U ġara li huwa u jberikom, infired minnhom u kien meħud fis-Sema (Luqa 24, 50-51). Tfakkarna wkoll f'dik il-barka li meta Kristu jidher fl-aħħar tad-dinja, biex jagħmel il-ħaqq, jagħti lit-tajbin bħala siġill tal-fidwa tiegħu: "Ejjew imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja" (Matt 25, 34).

Il-barka li s-saċerdot jitlob fuq dawk li jieħdu sehem fil-Quddiesa hija s-sinjal li l-Mulej jibqa' dejjem ma' dawk li jemmnu sabiex isaħħaħhom fix-xhieda li jridu jagħtu lid-dinja (Matt 28,

20). In-nisrani jaf li l-Mulej mhux biss huwa preżenti fit-tempju tal-ġebel, iżda jgħammar ukoll fil-qalb tiegħu, speċjalment jekk jilqa' kif imiss il-Kelma t'Alla u t-Tqarbin Imqaddes. Kif kienu jistqarru fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, kull nisrani huwa Kristoforu, jiġifieri jġorr miegħu lil Kristu.

## 46. Tmiem il-Quddiesa

Wara l-Barka, is-saċerdot igħaqqad idejh ma' xulxin u jgħid *"Morru fil-paċi ta' Kristu"* u kulħadd iwieġeb *"Inroddu ħajr lil Alla"* (O.G.M.R. - 124).

Is-saċerdot ibus l-artal u mbagħad isellem b'inklinazzjoni profonda jew b'ġenuflessjoni jekk ikun hemm it-tabernaklu bis-Santissimu Sagrament, u jidħol ġewwa flimkien mal-ministri (O.G.M.R. - 125).



It-tislima *"Morru fil-paċi ta' Kristu"* tfisser li r-rit ewkaristiku issa huwa mitmum, iżda għall-insara tibda ċelebrazzjoni oħra, li fiha hija mpenjata ħajjithom kollha kemm hi. Huma joħorġu mit-tempju u jimxu fit-toroq tad-dinja, iżda għandhom ikunu fost ħuthom "ix-xhieda tal-mewt u tal-qawmien ta' Kristu" bi kliemhom, bl-għemejjel tagħhom u b'ħajjithom kollha. Il-ħin taċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, mela, huwa l-mument prezzjuż li fih, filwaqt li bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu, nagħtu qima lil Alla, nikbru fl-imħabba u fl-għaqda tagħna mal-Feddej u mal-proxxmu

tagħna, nitħeġġu u nitħejjew aħjar biex naqdu dmirijietna bħala insara fis-soċjetà.

Il-ħruġ mill-knisja huwa sinjal ieħor ta' dak il-pellegrinaġġ jew mixja twila li l-insara jridu jwettqu ta' kuljum biex jaslu fid-dar tal-Missier. Matul il-jum u matul il-ġimgħa, l-insara jitferrxu 'l hawn u 'l hemm biex kull wieħed minnhom iwettaq il-ħidma tiegħu ta' kuljum, iżda jħossu li ma humiex weħidhom u lanqas mifrudin minn xulxin, għaliex jemmnu u jiffurmaw il-Ġisem Mistiku ta' Kristu u mxierkin fi Knisja waħda, hekk li flimkien iġorru r-responsabbiltà u jħarsu l-impenn li jkunu xhieda ta' Kristu fid-dinja.





## Żjieda "A"

# IT-TALBIET EWKARISTIĊI

It-Talbiet Ewkaristiċi, jiġifieri t-talba ta' radd il-ħajr u ta' tqaddis, hi ċ-ċentru u l-quċċata taċ-ċelebrazzjoni kollha. Is-saċerdot jistieden lill-poplu biex kulħadd jerfa' qalbu lejn Alla bit-talb u bir-radd ta' ħajr; huwa jsieħeb miegħu lill-ġemgħa kollha f'din it-talba li hu, f'isem il-għaqda kollha tal-fidili, jagħmel lil Alla l-Missier permezz ta' Ġesù Kristu.

## 47. L-Ewwel Talba Ewkaristika

Magħrufa bħala l-**Kanoni Ruman,** din it-talba hija antika ħafna u aktarx li bdiet tintuża qrib it-tmiem tar-raba' seklu.

Din kienet l-unika talba ewkaristika li kienet tingħad, meta l-Knisja Kattolika tal-Punent daħħlet il-Latin flok il-Grieg fil-Liturġija tagħha, jiġifieri madwar is-sena 375 wara Kristu. Minn dak in-nhar sa llum saru biss xi tibdiliet żgħar fil-kliem tagħha. Matul is-sekli kienet daħlet id-drawwa li s-saċerdot din it-talba tal-Quddiesa jibda jgħidha b'leħen baxx, hekk li ma jinstgħemax mill-poplu. Din id-drawwa ġiet ikkoreġuta fir-riforma liturġika tal-1968.

Din l-ewwel talba ewkaristika tagħmel enfasi fuq il-għan tal-Quddiesa, għaliex sa mill-bidu tagħha ssemmi "it-tifħir u r-radd il-ħajr lill-Missier permezz ta' Ġesù Kristu, Iben Tiegħu."

## 48. It-Tieni Talba Ewkaristika

Din it-talba ewkaristika hija mfassla fuq dik ta' San Ippolitu, saċerdot li kien jgħix f'Ruma, u li, skond kif inhu maħsub, ikkomponiha madwar is-sena 215. Hu ħallielna wkoll tagħrif

siewi kif kienet tiġi ċċelebrata l-Liturġija tal-Quddiesa fi żmienu. Fil-bidu din it-talba kienet miktuba bil-grieg, iżda għadha teżisti t-traduzzjoni tagħha għal-Latin, kif ukoll verżjonijiet oħra bħal dawk koptika u sirjana. Kienet popolari ħafna fil-liturġija ta' l-ewwel tliet sekli tal-Knisja.

It-tieni talba ewkaristika hija qasira u sempliċi, u baqgħet kważi kif kienet fil-bidu. Fiha saru biss xi tibdiliet żgħar biex tiġi tixbah iżjed lit-Talbiet Ewkaristiċi l-oħra. Ġie mdaħħal ukoll is-*Sanctus*, li beda jintuża fil-Kanoni Ruman, aktarx fir-raba' seklu. Magħha ġew miżjudin ukoll l-interċessjonijiet.

## 49. It-Tielet Talba Ewkaristika

Hija magħmula minn siltiet meħudin minn talbiet antiki li kienu jiġu wżati fil-Liturġija Eġizzjana, Gallikana u Możarabika (Spanja). Ir-radd il-ħajr huwa mfisser b'mod partikulari fil-prefazju.

Din it-talba ewkaristika ġiet komposta fi żmien riċenti mill-patri Dom. Cipriano Vagaggini.

## 50. Ir-Raba' Talba Ewkaristika

Hija mibnija fuq l-Iskrittura Mqaddsa u fiha xebh mat-talbiet tal-Liturġija orjentali. Xempju tagħha huma t-talbiet hekk imsejħa 'Antjokeni' li kienu jiġu wżati fost l-oħrajn minn San Ġwann Griżostmu; iżda l-epiklesi ta' qabel il-konsagrazzjoni hija meħuda mit-Tradizzjoni Eġizzjana. Fiha wkoll xi siltiet qosra mit-talba ta' San Bażilju tas-seklu erbgħa.

Ir-radd il-ħajr u t-tifħir lil Alla huma mfissrin fir-rakkont sabiħ ta' l-istorja tas-Salvazzjoni, b'ħafna riferenzi għall-Bibbja. Dan ir-rakkont jibda mill-prefazju u għalhekk ma' din ir-raba' talba, ma jistax jiġi wżat ebda prefazju ieħor ħlief dak proprju tagħha.

## 51. Il-Ħames Talba Ewkaristika

Din it-Talba Ewkaristika għandha erba' prefazji differenti u interċessjonijiet (proprji) għal kull prefazju proprju.

It-temi jew inkella suġġetti ta' kull prefazju huma dawn li ġejjin:

* **L-Ewwel Prefazju:** jitkellem dwar il-Knisja li miexja fit-triq tal-għaqda sħiħa ta' l-insara kollha.

* **It-Tieni Prefazju:** jitkellem dwar Alla li jmexxi lill-Knisja fit-triq tas-salvazzjoni.

* **It-Tielet Prefazju:** jissemma Ġesù, li huwa t-Triq li twassal għal għand il-Missier.

* **Ir-Raba' Prefazju:** ifakkarna f'Ġesù, li għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq lil kulħadd.

## 52. It-Talba Ewkaristika fil-Quddiesa għat-Tfal

**(a) L-Ewwel Talba Ewkaristika għat-Tfal:**

Fil-Quddiesa għat-tfal it-talba ewkaristika għandha importanza tassew kbira.

Din it-talba fiha xi invokazzjonijiet jew talbiet qosra li jgħidu t-tfal flimkien, fi djalogu maċ-ċelebrant. Huma jfaħħru lil Alla bil-kelmiet: *"Is-sema u l-art mimlija bil-glorja tiegħek - Hosanna fil-għoli tas-Smewwiet".*

Wara l-konsagrazzjoni, iċ-ċelebrant jitlob għal dawk kollha li aħna nħobbu, għall-mejtin u għal dawk li qegħdin ibatu jew huma mdejqin. Hekk *"meta niftakru f'dak li għamilt għalina, qalbna timtela bil-ferħ u lkoll flimkien infaħħruk".*

### (b) It-Tieni Talba Ewkaristika għat-Tfal

Fil-prefazju tiġi mtennija din l-invokazzjoni *"Glorja lilek, għax Inti tħobbna lkoll"*.

## 53. It-Talba Ewkaristika tar-Rikonċiljazzjoni

### (a) L-Ewwel Talba Ewkaristika:

F'din l-ewwel Talba Ewkaristika, wara li fil-prefazju tagħha ssir riferenza għall-waqgħat tal-bniedem, kif ukoll tissemma l-wegħda tal-maħfra min-naħa ta' Alla, iċ-ċelebrant f'isem il-fidili miġbura jitlob lill-Missier, "Għani fil-Ħniena", sabiex fit-tjieba tiegħu jħares b'ħarsa ta' ħniena lejn dawk li jorbot miegħu u jgħinhom, sabiex filwaqt li jingħaqdu f'Ġisem wieħed, tintemm kull firda bejniethom.

### (b) It-Tieni Talba Ewkaristika:

Fit-tieni Talba Ewkaristika, hemm riferenza ċara għall-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, li jqanqal il-qlub biex dawk li kienu għedewwa ta' xulxin jerġgħu jinħabbu bejniethom, billi jirbħu l-mibgħeda bil-maħfra u jpattu għad-deni bil-ġid. Iċ-ċelebrant, f'isem dawk miġbura, jwiegħed li joffri s-sagrifiċċju tal-ħbiberija sħiħa tagħhom ma' Alla, ħalli l-Ispirtu Qaddis jagħtihom il-qawwa biex ibegħdu minn fosthom kull ma jifridhom.



## Zjieda "B" STORJA TAT-TIBDIL LITURĠIKU TAL-QUDDIESA

| I **Quddiesa fid-djar ta' l-insara sas-seklu 4** | II **Quddiesa fil-Bażiliki Rumani fis-sekli 4 u 5** | III **Quddiesa tal-Papa fis-sekli 6 u 7** |
|---|---|---|
| **a)** In-nies kienu jinġabru f'dar. Ma kienx hemm talb speċjali fiss. (Ara 1 Kor. 11,17-32) | Litanijiet.<br>Tislim.<br>Orazzjonijiet. | Ħwejjeġ speċjali għall-Quddiesa.<br>Bidu sollenni bil-kant tal-"Introjtu"; inċensar lill-Isqof.<br>Il-Bewsa tal-Artal.<br>Il-Litanijiet imqassra.<br>Il-**Gloria** (riservata għall-Isqof). |
| **b)** Qari mill-Iskrittura flimkien ma' xi salmi li kienu jitkantaw bejn qari u ieħor.<br>Omelija.<br>Il-Katekumeni kienu joħorġu.<br>It-Talb tal-Fidili spontanju.<br>Il-Bewsa tal-Paċi. | Gradwal, **Alleluia** , inkella **Tractus.**<br>Talb wara l-Qari.<br>It-Talba tal-Fidili mneħħija.<br>Il-Bewsa tal-Paċi ġiet trasferita għal wara l-**Pater Noster.** | It-talb ta' wara l-qari ġie mneħħi. |
| **ċ)** L-offerta tal-għotjiet li l-insara kienu jġibu magħhom u iqegħduhom f'riġlejn l- artal. | Daħal it-talb fuq l-offerti. | Daħal il-kant tal-Offertorju waqt l-offerta tal-għotjiet. |
| **d)** It-Talba Ewkaristika.<br>a) Ringrazzjament u tifħir (il-Prefazju).<br>b) Il-Konsagrazzjoni.<br>ċ) Tispiċċa **"Per Ipsum".** | Issawru l-Prefazji.<br>Ġie mdaħħal is-**Sanctus.**<br>Tibdil tal-Kanoni.<br>Ħafna talb ġie mdaħħal fil-Kanoni msejjaħ "Ruman", illum it-Talba Ewkaristika nru. 1 | Il-Papa Gregorju (590 - 609) jagħmel tibdila fil-Kanoni (tneħħija ta' dak li ma kellux importanza). Bdiet ir-Riforma Gregorjana. |
| **e)** It-Qsim tal-Ħobż.<br>It-Talba tal-"Missierna" **(Pater Noster).**<br>It-Tqarbin biż-żewġ speċi. | Il-Bewsa tal-Paċi wara l-**Pater Noster** u qabel it-Tqarbin. | Il-"Missierna" tingħad qabel il-Qsim tal-Ħobż.<br>**Agnus Dei** waqt il-Qsim tal-Ħobż.<br>Innijiet għal waqt it-Tqarbin. |
| **f)** In-nies mħeġġin biex igħixu ħajja tajba, qabel jinfirdu minn xulxin. | Ringrazzjament wara t-Tqarbin. | It-Talba ta' wara t-Tqarbin imqassra.<br>Daħlet **"Ite Missa Est"** fi tmiem il-Quddiesa. |
| **g)** Kienet użata l-lingwa Griega. | Il-lingwa Latina kienet tiġi wżata.<br>Mit-talbiet, qari tal-Iskrittura u prefazji jidher li beda t-tqassim tas-Sena Liturġika. | |

# MINN ŻMIEN L-APPOSTLI SA QABEL IL-KONĊILJU VATIKAN II

| IV Il-Quddiesa bħala Ċerimonja fis-sekli 8 sa 11 | V Il-Quddiesa bħala Dramm fis-sekli 12 sa 14 | VI Rubriki tal-Quddiesa mill-1570 sat-tibdil Konċiljari. |
|---|---|---|
| **Asperges.**<br>It-Talb tal-Bidu fit-talb li s-saċerdot igħid waqt li jkun qed jilbes għall-quddiesa.<br>Is-Salm 42 u l-**Confiteor.**<br>Inċens lill-artal. | Daħal it-talb privat tal-qassis waqt li jkun sejjer lejn l-artal.<br>Il-**Gloria** tibda tingħad minn kulħadd, flimkien mas-saċerdot. | |
| Daħlu s-"Sekwenzi":<br>**Victimae Paschali** u<br>**Veni Sancte Spiritus**<br>It-talba tas-saċerdot qabel il-qari tal-Vanġelu.<br>Beda jingħad il-"Kredu". | Daħlu s-"Sekwenzi" ġodda:<br>**Dies Irae.**<br>**Lauda Sion.**<br>**Stabat Mater.**<br>Qabel il-Vanġelu daħlet it-tislima:<br>**Dominus Vobiscum...**<br>L-Omelija fil-Ħdud u fil-Festi. | It-talba qasira tal-qassis wara l-qari tal-Vanġelu. |
| Jintuża ħobż ażżmu.<br>Ġie mdaħħal it-Talb ta' l-Offertorju.<br>It-tqegħid tal-patena taħt il-Korporal.<br>Is-Salm 25: **Lavabo**, waqt il-ħasil ta' l-idejn.<br>Is-**Secreta.** | Talb waqt l-inċensar tal-artal.<br>Daħlet l-istedina "Itolbu Ħuti". | |
| Il-"kanoni" (Talba Ewkaristika) kienu jingħadu fis-silenzju.<br>Waqt il-"kanoni" kienu jintraddu ħafna slaleb fuq l-offerti ta' l-artal, speċjalment qabel il-Konsagrazzjoni. | Daħlu l-**Amen** waqt il-Kanoni.<br>Bdew isiru ġenuflessjonijiet waqt u wara l-Kanoni.<br>L-Elevazzjoni tal-Kalċi (seklu 14).<br>Inċens waqt il-Konsagrazzjoni. | Żieda ta' żewġ ġenuflessjonijiet waqt il-Konsagrazzjoni. |
| It-talba waqt it-taħlit ta' biċċa ostja fil-kalċi.<br>Is-sinjal tas-salib waqt il-**Pax.**<br>It-talb taċ-ċelebrant qabel it-Tqarbin.<br>It-Tqarbin tal-fidili għarkubbtejhom. | Rit speċjali għal waqt it-Tqarbin tal-fidili.<br>It-Tqarbin tal-fidili bi speċi waħda.<br>It-tindif tas-swaba tas-saċerdot bl-inbid u bl-ilma fuq il-kalċi, b'talba. | |
| It-talba tas-saċerdot qabel il-barka ta' l-aħħar lill-fidili.<br>It-tberik tan-nies fl-aħħar.<br>It-talb privat waqt li s-saċerdot ikun qed iħalli l-artal. | Il-qari tal-prologu tal-Vanġelu ta' San Ġwann, qabel il-barka ta' l-aħħar. Illum dan tneħħa. | L-aħħar bewsa tal-artal qabel ma s-saċerdot iħalli l-artal. |
| | | |

# MISTOQSIJIET GĦAL KWIŻŻ KATEKETIKU

1. Liema huma t-tliet tifsiriet simboliċi ta' l-artal? (p. 7-8)
2. Għaliex l-artal jitgħatta bi t-tvalja u għaliex hu meħtieġ li jkun hemm salib fuq l-artal? (p. 9)
3. X'inhuma t-tliet "vażi sagri" meħtieġa għall-quddiesa u għal xhiex jintużaw? (p. 10)
4. Xi tkun il-"palla"? (p. 10)
5. X'inhi l-"alba" u x'kulur għandha? U x'inhi l- "istola"? (p. 12)
6. Liema huma l-kuluri prinċipali li jintużaw fl-ilbies tal-quddiesa matul is-Sena Liturġika? (p. 13-14)
7. Għaliex il-quddiesa għandha tibda bil-kant ta' l-"introjtu", u xi tfisser din il-kelma? (p. 16-17)
8. X'inhi l-ewwel ħaġa li jagħmel is-saċerdot meta jasal quddiem l-artal, u għaliex? (p. 18-19)
9. Xi ifisser is-sinjal tas-salib u f'hiex ifakkarna? (p. 19-20)
10. X'tifsira għandha t-tislima tas-saċerdot u t-tweġiba tan-nies, kull darba li tintuża fil-quddiesa? (p. 21-22)
11. X'ikun il-*"Confiteor"* u għaliex jingħad? (p. 22-23)
12. X'ifissru l-kelmiet *"Kyrie Eleison"* u kemm il-darba jitkantaw, waqt il-quddiesa kantata? (p. 24)
13. Kemm il-taqsima fih l-innu tal-*"Glorja"*? U għaliex il-*"Glorja"* tissejjaħ "l-innu anġeliku"? (p. 25)
14. Xi tkun u min igħid il-Kolletta? (p. 26-27)
15. Minn liema ktieb huma meħuda l-qari tal-quddiesa? (p. 29)
16. Xi tfisser il-kelma *"epistola"* u xi skop liturġiku għandha? X'għandna nwieġbu fit-tmiem tagħha? (p.30 -31)
17. Għaliex jingħad is-Salm Responsorjali? U x'tifsira għandha l-*"Hallellujah"*? (p. 31-32)
18. B'liema mod il-Liturġija tagħti ġieħ lill-qari tal-Evangelju u kif għandhom joqogħdu n-nies waqt il-qari tiegħu? (p. 34)
19. X'inhi l-"omelija" u meta ma tistax titħalla barra? (p. 35-36)
20. X'inhu l-Kredu u meta beda jingħad fil-quddiesa? (p.36-37)
21. Għaliex issir it-"Talba tal-Fidili"? (p. 38)
22. Min għandu jtella' l-offerti fil-quddiesa? (p. 42)

23. Xi kwalità ta' ħobż hija l-ostja? (p. 43)
24. Għaliex ma' l-inbid jitħalltu ftit qatriet ta' ilma u xi tfisser din it-taħlita? (p.44)
25. X'jgħid is-saċerdot meta jaħsel idejh fil-quddiesa? (p.45)
26. X'tifsira għandha t-Talba fuq l-Offerti? (p.47)
27. Għaliex it-Talba Ewkaristika hija ċ-ċentru u l-quċċata tal-quddiesa u min jista' jgħidha? (p. 47-48)
28. X'ifissru l-kelmiet "Prefazju" u *"Sanctus"* ? (p. 49-50)
29. Għaliex is-*"Sanctus"* jissejjaħ "trisaġju anġeliku"? (p.50)
30. Xi tkun u xi tfisser il-kelma *"epiklesi"*? (p. 51)
31. X'miraklu kbir iseħħ waqt il-Konsagrazzjoni? (p. 53-54)
32. Liema sentenza dritt wara l-konsagrazzjoni tissejjaħ "anamnesi" u min qalha? (p. 55)
33. Għaliex il-quddiesa hija l-istess sagrifiċċju tal-Kalvarju u kif aħna nħossuna parti minnu? (p. 56)
34. F'min jiftakar is-saċerdot waqt l-"interċessjonijiet"? (p. 57)
35. Xi tfisser il-kelma *"Amen"*? (p. 59)
36. Għaliex it Talba tal-"Missierna" hija fundamentali għall-insara u min għallemhielna? (p. 62)
37. X'ikun l-"emboliżmu"? (p.62-63)
38. Għaliex u kif isir ir-Rit tal-Paċi fil-quddiesa? (p. 64-65)
39. X'ifisser il-qsim tal-ħobż qabel it-tqarbin? (p. 65-66)
40. Min hu tassew il-Ħaruf t'Alla u għaliex? (p. 67)
41. Min kien Alcuino u x'talba daħħal fil-quddiesa (p. 68)
42. Kif is-saċerdot jistieden il-ġemgħa għat-tqarbin? (p. 68)
43. X'tifsira għandu l-kant waqt it-tqarbin? (p. 70)
44. X'jagħmel is-saċerdot bil-frak ta' l-ostja? (p. 71)
45. Kif is-saċerdot ibierek in-nies fi tmiem il-quddiesa? (p. 72)
46. X'inhuma l-aħħar kelmiet li jgħid is-saċerdot qabel iħalli l-artal u x'tifsira għandhom? (p. 74)
47. Liema Talba Ewkaristika daħlet fis-sena 375W.K.? (p. 76)
48. Min fassal it-Tieni Talba Ewkaristika? (p. 76)
49. X'għandu x'jaqsam l-Eġittu mat-Tielet u r-Raba' Talba Ewkaristika? (p. 77)
50. Kemm il-Talba Ewkaristika hemm għat-tfal u kif it-tfal jieħdu sehem fihom? (p. 78-79)

## BIBLIJOGRAFIJA


Azzjoni Kattolika Maltija, *Fl-Ewkaristija l-Ħajja,* Malta 1947.

BARIN L.R., *Catechismo Liturgico,* II, IV, Rovigo 1955.

BRINKTRINE G., *La Santa Messa,* Roma 1963(3).

CARUANA K., *Il-Quddiesa Mfissra,* Malta 1936.

CRICHTON J.D., *A Short History of the Mass,* London 1983.

CAUCHI P., *Il-Quddiesa,* Malta 1934.

DANIEL-ROPS, H., *This is the Mass,* New York 1959.

FITZGERALD G., *Handbook of the Mass,* New York 1982.

FRENDO G., *Il-Quddiesa wara l-Konċ. Vat. II.,* Malta 1966.

GIULIOTTI D., *Il Ponte Sul Mondo,* Torino 1934 (3).

GUGLIELMONI L., *Viviamo La Messa,* Roma 1983.

LERCARO G., *A Messa, Figlioli,* Bologna 1955.

MAGRO S.,*Il-Quddiesa Tifsira Liturġika Pastorali,* Malta 1983.

O.G.M.R. = Ordni (Istruzzjoni) Ġenerali tal-Missal Ruman.

O'CONNELL JB.*Active Sharing in Public Worship,* London 1977.

SCHNITZLER T. *Meditazione sulla S. Messa,* Roma 1961(2).

SODI M., *Celebrare con il Messale del Vaticano II,* 1977.

TRENCHARD J.- GAFFNEY C., *The Mass in Pictures* , Leeds 1978.

## WERREJ

*Kelmtejn Qabel*.....5

### L-Ewwel Taqsima

ĦWEJJEĠ MEĦTIEĠA GĦAS-SAGRIFIĊĊJU.....7
1. L-Artal.....7
2. It-Tiżjin ta' l-Artal.....8
3. Il-Vażi Sagri.....9
4. Il-Korporal u l-Palla.....10
5. L-Ilbies tal-Quddiesa.....10
6. L-Ilwien Liturġiċi.....13

### It-Tieni Taqsima

IR-RITI TAL-BIDU.....15
7. Il-Purċissjoni tal-Bidu.....16
8. Tislima lill-Artal.....18
9. Is-Sinjal tas-Salib.....19
10. It-Tislima tas-saċerdot lill-poplu.....20
11. Ir-Rit Penitenzjali.....22
12. Il-Kyrie Eleison.....24
13. Il-Glorja.....25
14. Il-Kolletta.....26

### It-Tielet Taqsima

IL-LITURĠIJA TAL-KELMA.....28
15. Il-Qari tal-Quddiesa.....28
16. L-Ewwel u t-Tieni Qari.....30
17. Il-Kant bejn il-Lezzjonijiet.....31
18. L-Evanġelju.....32
19. L-Omelija.....35
20. Il-Kredu.....36
21. It-Talba tal-Fidili.....37

### Ir-Raba' Taqsima

IL-LITURĠIJA EWKARISTIKA.....39
22. Purċissjoni bl-Offerti.....41
23. L-Offerta tal-Ħobż.....42
24. L-Offerta ta' l-Inbid.....43
25. Il-Ħasil ta' l-idejn.....45
26. It-Talba fuq l-Offerti.....46
27. It-Talba Ewkaristika (Preċi).....47

28. Il-Prefazju....................................................................49
29. L-Akklamazzjoni..........................................................50
30. L-Epiklesi......................................................................51


## Il-Ħames Taqsima


IR-RAKKONT TAT-TWAQQIF TA' L-EWKARISTIJA.......................53
31. Il-Konsagrazzjoni..........................................................53
32. L-Anamnesi...................................................................55
33. L-Offerta tas-Sagrifiċċju...............................................55
34. L-Interċessjonijiet........................................................57
35. Id-Dossoloġija Finali.....................................................58


## Is-Sitt Taqsima


IR-RIT TAT-TQARBIN...........................................................60
36. It-Talba tal-Mulej (Il-Missierna)...................................60
37. L-Emboliżmu..................................................................62
38. Ir-Rit tal-Paċi...............................................................63
39. Il-Qsim tal-Ħobż............................................................65
40. Il-Ħaruf t'Alla................................................................67
41. It-Tħejjija Privata tas-Saċerdot......................................67
42. Stedina għall-Mejda ta' Kristu.......................................68
43. It-Tqarbin.......................................................................69
44. It-Talba ta' wara t-Tqarbin..............................................71


## Is-Seba' Taqsima


IR-RIT TA' L-GĦELUQ.........................................................72
45. It-Tislima u l-Barka tas-Saċerdot...................................72
46. Tmiem il-Quddiesa.........................................................74


## Żidiet "A" u "B"


TALBIET EWKARISTIĊI........................................................76
47. L-Ewwel Talba Ewkaristika.............................................76
48. It-Tieni Talba Ewkaristika..............................................76
49. It-Tielet Talba Ewkaristika.............................................77
50. Ir-Raba' Talba Ewkaristika.............................................77
51. Il-Ħames Talba Ewkaristika............................................78
52. It-Talba Ewkaristika għall-Quddiesa tat-Tfal...................78
53. It-Talba Ewkaristika tar-Rikonċiljazzjoni.........................79
54. It-Tibdil tal-Quddiesa matul is-sekli.................................80
55. Mistoqsijiet għal Kwizz Kateketiku..................................82

# *Kotba ta' Spiritwalità mil-*
# LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

*** Sensiela "Ejjew Nitolbu"**

1. Ejjew Nitolbu (11-il edizzjoni, '97) 15ċ
2. Ma' Ġesù fl-Ewkaristija (2 edizzjoni, '96) 50ċ
3. Ma' Ġesù fit-Tbatija (1 edizzjoni, '98) Lm1
4. Ir-Rużarju fil-Familja Nisranija (6 edizzjoni, '98) 25ċ
5. F'Riġlejn Kristu Msallab (3 edizzjoni, '99) 25ċ
6. Fi Ħdan l-Addolorata (3 edizzjoni, '99) 25ċ

*** Sensiela "Manwali Klassiċi ta' Spiritwalità"**

1. L-Imitazzjoni ta' Kristu – Kempis ('96) Lm1.50ċ
2. Missierna...ikun li trid Int" – S. Ċiprijanu / S. Alfonz ('97) Lm1
3. Il-Mixja Spiritwali – Scupoli ('99) Lm1.50ċ

*** Sensiela "Orizzonti Bibliċi"**

1. Mixja mas-Sena tal-Knisja – L. Sciberras ('96) Lm3
2. Kristu – Ħajtu u Tagħlimu – P. Sammut ('97) Lm3.50ċ

*** Sensiela "Dawl Marjan"** - ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi

1. Il-Madonna fit-Tagħlim tas-Santi Padri ('91) Lm1.50ċ
2. Il-Madonna fil-Poeżija Ewropea ('97) Lm2
3. Storja tal-Marjoloġija ('99) Lm2

*** Sensiela "Spirtu u Ħajja"**

1. Pariri Spiritwali tal-Beatu Patri Piju - A. Parente / R. Galea ('99) 50ċ

* **Sensiela "Għejun ta' Katekesi"**
  1. Il-Pjan tal-Fidwa fil-Bibbja – G. Schembri ('99) Lm1.50ċ
  2. Il-Ġrajjiet Ewlenin tal-Knisja – Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ('99) Lm1.50ċ
  3. Il-Ġublew – X'inhu u għaliex - Mons. Salv Borg ('99) Lm 1.50ċ

**Kotba oħra ta' spiritwalità ppubblikati separatament**

1. Nistrieħu fil-Mulej - A. Sultana ('84) Lm1
2. Nitolbu għall-Erwieħ Ikkonsagrati - Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ('88) 50ċ.
3. Żjajjar lil Ġesù Sagramentat - Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ('89) 75ċ
4. Ġawhar ta' San Ġwann tas-Salib - A. Camilleri ('92) Lm1
5. Id-Devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù - Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ('86) 50ċ
6. Il-Qima lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù - P. Sammut ('94) Lm1.50ċ
7. Armoniji ta' Ħsieb u Fidi - Profs. Ġ. Aquilina ('95) Lm2
8. Mulej li Jagħti l-Ħajja - Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ('94) Lm1
9. Meditazzjonijiet Bibbliċi fuq ir-Rużarju - A. Cauchi ('86) 50ċ
10. Hawn hi Ommok - A. Xuereb ('99) Lm1

*Dawn u kotba oħra tal-Lumen Christi Publications jistgħu jinkisbu mil-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi jew direttament mingħand id-distributur:*

**LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE,**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria, VCT 111,**
**Tel. 560496 / 7. Fax: 561860.**
**Internet: http://user.orbit.net.mt/pmejlak/lumen.htm.**

**LUMEN CHRISTI**
**PUBLICATIONS**

**Dan huwa r-raba' volum fis-sensiela**

## "Għejun ta' Katekesi"

**ippublikati fl-okkażjoni**
**tal-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000.**

**Il-volumi l-oħra li ġa ħarġu f'din is-sensiela ta' katekesi għal kulħadd, huma:**

1. **"Il-Pjan tal-Fidwa fil-Bibbja"**
   **minn P. Guido Schembri ofm**

2. **"Il-Ġrajjiet Ewlenin tal-Knisja"**
   **minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi**

3. **"Il-Ġublew - x'inhu u għaliex"**
   **minn Mons. Salv Borg**

**Suġġetti oħra li qegħdin jitlestew:**

5. **"Is-Sagramenti f'Ħajjitna"**
   **minn P. Guido Schembri ofm**

6. **"Il-Misteru ta' l-Għid"**
   **minn Angelo Xuereb**

**Kull volum jinbiegħ Lm 1.50c.**



